Marzu 2012 • Vol 19 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Kors tà taħriġ Annwali 2011 f' Imber Court, Surrey l-Ingilterra
- Il-Korp jirbaħ unur ieħor fil-Malta People Awards 2011
- Għoti ta' Shield, Ċertifikati ta' Mertu u ta' Trofew għall-Uffiċjal tas-Sena 2011

u aktar...

*Newspaper Post*

Marzu 2012 • Vol 19 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Qoxra:
PS1167 David Fenech - Sezzjoni tal-Kavallerija
Ritratt: Metropolitan Police

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN













5 Editorjal
7 Jintemm il-mandat ta' Presidenza ta' Malta fil-Kumitat għall-Programm Annwali (APC) tas-CEPOL
10 Il-lastiku tiġġebbed, imma mhux ad eternum
12 Kors ta' taħriġ Annwali 2011 f' Imber Court Surrey, l-Ingilterra
13 Prince
14 Il-Korp jirbaħ unur ieħor fil-Malta People Awards 2011
15 Rabta Ċoff jew għal Dejjem
17 L-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Pulizija
19 Il-films vjolenti u l-kriminalità
21 Ir-rebħ tal-Aggregate Shield tar-Royal Life Saving Society mill-Korp tal-Pulizija
25 Għoti ta' Shield, Ċertifikati ta' Mertu u ta' Trofew għall-Uffiċjal tas-Sena 2011
30 Attivitajiet fil-Granet tal-Milied
32 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija
35 Mid-Djarju tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija
41 10 snin anniversarju Kummissarju tal-Pulizija
43 112: in-numru ta' emerġenza madwar l-Ewropa
45 Kwadri ex-voto
48 Farewell fil-Kappella tas-Sorijiet Agostinjani
49 Sewqan taħt l-influwenza tax-xorb
51 SAG Gymnasium
52 Għotja ta' flus mill-membri tal-Korp tal-Pulizija
54 Team B tal-Iskwadra Mobbli – Rebbieħ tal-Annual Charity Football Tournament
57 International Police Association
60 Malta Association of Retired Police Officers
62 Mejtin

# Editorjal

Fil-bidu ta' din is-sena l-Korp tal-Pulizija ppreżenta ċertifikati ta' mertu lil numru ta' membri li ddistingwew ruħhom fil-qadi ta' dmirijthom. Prosit tassew lil dawn il-membri tal-Korp li jagħmlulna unur.

Jien ċert li hemm numru ferm akbar ta' membri tal-Korp oħra li wkoll jaħdmu b'dedikazzjoni kontinwa; membri tal-Korp li jagħmlu dik il-biċċa tax-xogħol tagħhom ta' kuljum b'impenn, b'sens ta' servizz; m'hemmx għalfejn tagħmel affarijiet kbar jew straordinarji biex tkun Pulizija tajjeb/tajba; li jgħodd hu li dak li hu fid-dover tiegħek li tagħmel, tagħmlu u tagħmlu sew – b'rispett lejn iċ-ċittadin u b'sens ta' servizz lill-komunita` - impenn li aħna lkoll għażilna li nidħlu għalih.

Hemm minn jgħidlek li dak li qed nsemmi hawn fuq hu d-dover tagħna u li aħna mħallsin biex nagħtu dan is-servizz. Dan huwa minnu, pero` kull min għandu rasu fuq għonqu jaf kemm hawn ostakoli biex wieħed jaqdi d-dover tiegħu kif jixraq; ostakoli kemm minn barra l-Korp kif ukoll minn ġewwa l-Korp stess! Ġieli tinzerta xi kollega tiegħek li jħares lejk b'ħarsa ta' disprezz meta int taqdi d-dover tiegħek: meta tmur fil-ħin għax-xogħol; meta tara li l-uniformi fuqek ilbista kif suppost; meta tmur għal-*lectures* l-Akkademja u tara x'tista' titgħallem u ma tellifx lil ħaddieħor; meta tagħmel *follow up* tar-rapporti li daħlu fuqek.

Forsi meta taqdi d-doveri tiegħek kif suppost ma tieħux ċertifikat jew trofew, iżda ngħid għalija jagħtini sens ta' sodisfazzjon li qiegħed inkun ta' servizz. Iżda lanqas li kieku, wieħed japprezza li ma jistax jingħata ċertifikat lil kulħadd.

Kull membru tal-Korp huwa importanti; il-Korp tal-Pulizija hu b'saħħtu u sod daqs kemm hu b'saħħtu w sod il-membru individwali – il-Kuntistabbli, is-Surġent, l-iSpettur, is-Supretendent, l-Assistent Kummissarju, id-Deputat Kummissarju u l-Kummissarju. Kif it-tajjeb ta' wieħed minna jirrifletti wkoll fuq il-Korp kollu u jagħmilna kburin, l-iżball ta' wieħed minna ħafna drabi jitfa' dell fuq il-membri tal-Korp kollha.

Għalhekk nemmen li sakemm tkun membru fil-Korp tal-Pulizija ma tistax taħseb u tgħid li l-azzjonijiet personali tiegħek jinteressaw lilek biss – le, sakemm int membru tal-Korp, l-azzjonijiet individwali tiegħek jirriflettu mhux biss fuqek iżda b'xi mod jew ieħor jirriflettu ukoll fuq il-Korp kollu.

Uħud minna jilmetaw li ma tantx baqa` rispett lejn l-uniformi, jiġifieri lejna l-Pulizija li nilbsuha. Dan jista' jkun, iżda r-rispett lejn l-uniformi jrid l-ewwel jibda minna – aħna li nilbsu dik l-uniformi, jiġifieri li jien nirrispetta l-uniformi li nilbes. L-imġieba tiegħi u tagħna meta nkunu bl-uniformi trid tkun b'mod li tnissel rispett u fiduċja fiċ-ċittadin li qed jarak, fiċ-ċittadin li qed taqdi, dak li ġie għandek biex isib kenn. Jista` dan iċ-ċittadin jurina rispett meta aħna stess ma nilbsux l-uniformi kif suppost u nkunu zmattati jew meta jismagħna nitkelmu mhux xieraq, ngħajtu jew aħna stess ma nosservawx il-liġi? Ma nistgħux nippretendu r-rispett mingħand ħaddieħor għall-uniformi, jekk lanqas aħna stess ma nirrispetaw l-uniformi li nilbsu.

Din is-serjeta` trid tkun preżenti mhux biss meta tkun bl-uniformi, iżda ukoll meta ma tkunx xogħol. Mhux qed ngħid li wieħed m'għandux jiddeverti fil-ħin liberu tiegħu – iżda hemm mod u mod kif tista` tiddeverti u tgħaddi l-ħin liberu tiegħek, inkluż fl-użu ta' l-*internet u s-social network websites.* Meta tneħħi l-uniformi minn fuqek xorta tkun għadek Pulizija u l-imġieba tiegħek xorta tirrefletti fuqna lkoll.

Għalhekk hi ħaġa tajba li l-Korp tal-Pulizija jorganizza dawn l-avvenimenti, għax ta' spiss jiġri li l-ħażin jew n-nuqqas ta' xi wħud minna jidher iżjed mit-tajjeb li għandu l-Korp. Jiddispjaċini ngħid li l-mezzi tal-*media* ma tantx jagħtu spazju għal ġrajjiet pożitivi tal-Korp. Forsi nuqqas tagħna ukoll. Li nista' ngħid hu li dan il-magażin, għalkemm għandu ċirkolazzjoni limitata, se nagħmel l-almu tiegħi biex dak it-tajjeb li nkunu nafu bih inġibuh għall-attenzjoni tagħkom.

Il-Bord Editorjali jieħu din l-okkazzjoni biex jawgura lilkom u lil dawk għal qalbkom l-Għid it-Tajjeb.

# Jintemm il-mandat ta' Presidenza ta' Malta fil-Kumitat għall-Programm Annwali (APC) tas-CEPOL

mis-Supretendent Dr Mario Spiteri LLD - Kwartieri Ġenerali





Il-31 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet immarka t-tmiem tal-mandat tal-Presidenza ta' Malta fil-Kumitat għall-Programmi Annwali (APC) tal-Kulleġġ tal-Pulizija Ewropew, magħruf aħjar bħala s-CEPOL. Din il-Presidenza kienet l-aħħar waħda għal dan il-Kumitat u għall-Kumitati l-oħra ta' din l-Aġenzija Ewropeja wara li kien ġie irrakkomandat mill-Bord tat-Tmexxija ta' din l-Istituzzjoni li minn din is-sena, il-Kumitati kollha jiġu xolti u x-xogħol kollu tagħhom jibda jitmexxa' mis-Segretarjat tas-CEPOL flimkien mad-Direttur tagħha.

**X'inhu s-CEPOL?**

CEPOL ilaqqa' flimkien uffiċjali għolja tal-Pulizija madwar l-Ewropa bil-għan li jħeġġeġ il-kooperazzjoni transkonfinali fil-ġlieda kontra l-kriminalità u ż-żamma tas-sigurtà pubblika u l-liġi u l-ordni. Stabbilit fl-2005 bħala aġenzija tal-Unjoni Ewropea (UE) (Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/GAI tal-20 ta' Settembru 2005), CEPOL Segretarjat huwa bbażat fi Bramshill fir-Renju Unit, madwar 70km miċ-ċentru ta' Londra. CEPOL jopera bħala netwerk fejn l-attivitajiet – korsijiet, seminars, konferenzi u laqgħat – huma implimentati fi u mill-Istati Membri, prinċipalment fl-istituti nazzjonali għat-taħriġ ta' Pulizija għolja. CEPOL jorganizza bejn 60-90 kors, seminar u konferenza kull sena li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti rilevanti għall-ħidma tal-Pulizija fl-Ewropa tal-lum.

Il-viżjoni ta' CEPOL hija li l-aġenzija tiġi rikonoxxuta minn aġenziji u awtoritajiet allejati fid-dinja akkademika u tal-ħidma tal-Pulizija sabiex tkun is-sors primarju ta' tagħlim u żvilupp

fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ għal kooperazzjoni u ħidma tal-Pulizija aħjar fl-Ewropa.

L-akronimu CEPOL huwa bil-Franċiż u jfisser *Collège Européen de Police - European Police College* (bl-Ingliż) (Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija).

CEPOL għandu baġit annwali ta' 8.341 miljun ewro ffinanzjat mill-Komunitajiet Ewropej.

Is-Segretarjat ta' CEPOL huwa ġestit minn Direttur. Id-Direttur jirrispondi għall-Bord tat-Tmexxija li huwa magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri tal-UE, normalment id-Diretturi mill-istituti nazzjonali għat-taħriġ ta' Pulizija għolja. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija huwa rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Normalment il-Bord tat-Tmexxija jiltaqa' erba' darbiet fis-sena u stabbilixxa erba' kumitati biex jappoġġawh fil-ħidma tiegħu:

1. Kumitat għall-Programm Annwali (APC)
2. Kumitat Amministrattiv u Baġitarju (BAC)
3. Kumitat għall-Istrateġija (SC)
4. Kumitat għat-Taħriġ u r-Riċerka (TRC).

**Il-Kumitat għall-Programm Annwali (APC)**

Sabiex isiru dawn il-korsijiet, is-CEPOL kellha, sa tmiem is-sena l-oħra, lil dan il-Kumitat għall-Programm Annwali sabiex jistabilixxi primarjament il-kalendarju ta' meta dawn l-attivitajiet għandhom isiru. Dan il-Kumitat, magħmul minn disa' stati membri, kien ukoll jikkontribwixxi u jissapportja l-Programm ta' Xogħol kollu ta' din l-Aġenzija u jħejji wkoll ir-Rapport Annwali tagħha. Kien jara wkoll li l-attivitajiet kollha ta' din l-Istituzzjoni Ewropeja kienu jkunu implementati kif suppost.

Mis-sena 2010, u dan meta pajjiżna kien Aġent President ta' dan il-Kumitat, dan il-Kumitat kien ingħata wkoll l-inkarigu espliċitu li jagħmel l-evalwazzjonijiet tal-applikazzjonijiet kollha tal-korsijiet u seminars kollha u jagħżel liema Stat Membru kellu jingħata l-inkarigu kif ukoll il-fondi sabiex jorganizza il-kors li jkun applika għalihom. Din ma kenitx xi biċċa xogħol faċli! Biex Stat Membru jorganizza kors, seminar, laqgħa jew konferenza, l-ispejjeż ġieli jilħqu it-€30,000 u għalhekk jekk aktar minn Stat Membru wieħed japplika għall-istess kors, allura id-deċizjoni tkun waħda aktar diffiċli għax ikunu jridu jiġu eżaminati l-kriterji kollha sabiex fl-aħħar tingħażel l-aħħar applikazzjoni. U ngħiduha kif inhi! L-Akkademji tal-Pulizija Ewropej kollha għandhom il-prestiġju tagħhom u ma tantx jieħdu pjaċir meta jkunu tilfu l-applikazzjoni għal xi kors li huma jkunu applikaw għalih.



Taħt il-Presidenza ta' Malta, kien ġie issuġġerit lill-awdituri tal-Kummissjoni Ewropeja *(Internal Audit Service)* fl-laqgħa li saret apposta fi Bramshill f'Ġunju 2011, li l-proċess kif kien qiegħed isir, jiġifieri li disa' stati membri jevalwaw u jiddeċiedu bejniethom il-korsijiet ta' tmintax-il stat membru ieħor kif ukoll il-korsijiet li japplikaw għalihom huma stess, imorru kontra wieħed mid-drittijiet ta' ġustizzja naturali jiġifieri, dak ta' *nemo iudex in causa propria* – li jfisser li ħadd m'għandu jiġġudika l-kawża tiegħu stess. Barra minn hekk, Malta, flimkien mal-Ġermanja (li din is-sena kienet l-Aġent President f'dan il-Kumitat), kienet issuġġeriet ukoll tibdil fil-kriterji tal-evalwazzjoni ta' kif jintgħażlu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet, sabiex dawn ikunu jidhru li huma aktar trasparenti. L-awdituri tal-Kummissjoni kienu qablu perfettament ma' dawn is-suġġerimenti u għaldaqstant irrakkomandaw li l-Kumitat tal-Programmi Annwali m'għandux aktar jagħmilha ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni f'dawn l-applikazzjonijiet. In vista ta' dawn is-suġġerimenti, ġiet riveduta s-sistema kollha tal-applikazzjonijiet għall-korisijiet liema sistema kienet ġiet ukoll approvata mill-Bord tat-Tmexxija tas-CEPOL f'laqgħa li kienet saret fi Krakovja l-Polonja f'Ottubru, 2011.

Il-Kumitat tal-Programmi Annwali iltaqgħa darbtejn is-sena l-oħra, darba f'Malta u darb'oħra f'Lyon fi Franza fejn ġew diskussi diversi suġġetti foshom il-Programmi Annwali 2011, 2012 u 2013, il-*Grant Agreements* tal-korsijiet u seminars, l-*EU Policy Cycle* u l-*European Training Scheme.* Inżammu wkoll numru ta' *web meetings* matul is-sena.

Mexxa' dan il-Kumitat f'isem Malta, is-Supretendent Dott Mario Spiteri, LL.D, li bħala President tal-Kumitat, irrappreżenta lil dan il-Kumitat kemm fil-Bord tat-Tmexxija kif ukoll fil-Kumitat għall-Istrateġija ta' din l-Istituzzjoni Ewropea.

mario.a.spiteri@gov.mt

# Il-lastiku tiġġebbed, imma mhux ad eternum

minn PS 478 Neville Mercieca - Assoċazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

Ħaġa li ġibditli l-attenzjoni kienet mistoqsija parlamentari numru 31286 li saret nhar l-1 ta' Frar 2012, mingħajr ma nidħol f'min għamilha u min weġibha għaliex mhux fl-interess tagħna.

**Mistoqsija:** Jista' il-Ministru jara jistgħux jittieħdu passi immedjati biex dawk il-Pulizija li jkunu *duty f'fixed points,* bħal ngħidu aħna qrib ċerti ambaxxati, jkollhom bieba għall-gardjola li tingħalaq bħal ilqugħ għall-kesħa u l-maltemp, kif spiss ikollhom membri tal-Forzi Armati ta' Malta, speċjalment billi hemm min ġieli jdum iservi aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa f'postijiet esposti għall-elementi kollha, b'mod partikolari f'jiem ta' kesħa u maltemp?

**Tweġiba:** Kif diġa kelli l-okkazjoni li ninforma lill-Kamra, il-gardjola qiegħda hemm sabiex il-Pulizija li jkun qed jagħti protezzjoni jew sigurta`, ikollu fejn iqiegħed l-affarijiet personali tiegħu u mhux biex joqgħod fiha huwa matul l-ħin tal-għassa. Dan sabiex jagħti l-aħjar protezzjoni u sigurta` fuq il-post li ordnat. Barra minn hekk, illum il-ġurnata l-istess *protection duty* qiegħda tiġi maqsuma b'*shifts* ta' erba' sigħat kull għassa.

Peress li mhux kulħadd joqgħod jiċċekja l-mistoqsijiet parlamentari (PQ's) li jkun hemm fil-parlament, ħassejt li f'din il-paġna kelli nikteb fuq din il-PQ partikolari għaliex huwa sabiħ li fis-sena 2012, ħasbulna għall-post fejn inpoġġu l-affarijiet personali tagħna.

Fil-Portugal dawn il-kaxxi tneħħew fl-1980 sabiex il-Pulizija jiġi deployed fuq ġewwa, f'kamra mgħammra bid-WC, *airconditioning* u CCTV camera. Fl-Olanda dawn huma *bullet proof*, għandhom siġġu, *CCTV camera* u radju tal-Pulizija. Hawnhekk il-Pulizija jinbidel kull sagħtejn. Il-Ġermanja m'għandhomx dawn il-kaxxi. Il-Pulizija jew jingħata karozza tal-Pulizija jew ikun hemm kamra apposta fil-bini li tkun mgħammra b'kull faċilita` neċessarja.
Huwa veru, u hawnhekk nirringrazzjaw lill-Kummissarju preżenti talli b'inizjattiva tiegħu naqqas is-sigħat li membru jdum fuq il-*fixed point* għal erba' sigħat, u huwa vera li kważi ġew introdotti gardjoli simili f'ħafna postijiet, iżda t-temp qiegħed jinbidel u l-progress anki fuq dan il-punt għandu jibqa` għaddej.

Għandna nħarsu lejn pajjiżi Ewropej jew se nibqgħu bis-sistemi u stil kolonjali? Jien nistaqsi...fejn jistkenn il-Pulizija meta tkun ix-xita kif qed tagħmel bħalissa?

### Sena nimxu

Diġa` għaddiet sena mill-elezzjoni għall-ħatra ta' Konferenza Ġenerali u Kumitat Eżekuttiv ġdid. Għamilna sena nimxu sabiex inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tal-membri tagħna.

Naħseb innutajtu li qed nuża l-kelma nimxu. Dan għaliex? Il-Kumitat Eżekuttiv kompla l-ħidma li kienet bdiet mill-Kumitat Eżekuttiv preċedenti. Saru diversi laqgħat u kuntatti ma' diversi nies sabiex nippruvaw naqdu d-doveri tagħna skond l-istatut.

Sfortunatament għadna ma wasalniex, iżda dejjem nirċievu risposta li mexjin, kważi wasalna, dalwaqt naslu ....tinkwetawx, u jien inżid li ftit ieħor naslu r-Russja. Ma nistgħux nifhmu, kif meta niġu biex nirranġaw il-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp, dejjem bit-tul esaġerat. B'wiċċi minn quddiem ngħid li kieku ma kienx il-Kummissarju li rranġa diversi affarijiet kemm ilu hu, limitati, għall-poteri li għandu, kieku għadna fejn konna fis-sena 2000. Hemm bżonn li ċerti deċizjonijiet li ilhom pendenti snin twal, jittieħdu minn entitajiet barra l-Korp, fosthom il-polza ta' assikurazzjoni personali għall-membri u oħrajn.

### L-Union... Se jkollna l-union tagħna?

Dan il-punt ser insemmieh għaliex għadu mhux kulħadd jaf li fuq l-Aġenda tal-Parlament hemm l-abbozz b'diversi emendi li fosthom hemm dawk għall-Kapitlu 164 fejn suppost l-MPA se ssir l-inhouse Union tal-Pulizija. Dawn huma xi mistoqsijiet li nirċievi mingħand xi uħud minnkom, u se nipprova nirrispondi wħud.

Tgħiduli imma l-MPA se ssir *Union*? Skond x'tifhem biha *Union.* L-MPA se jkollha ċerta drittijiet, limitati li għandhom

*Unions* oħrajn, iżda xorta mhux se tkun fuq l-istess livell. Se jkun jisimha *Malta Police Union*? Le, *Malta Police Association* se tibqa`.

Se jkollha dritt ta' azzjonijiet industrijali bħal Union oħrajn? Le, mhux f'każ ta' strike biss kif kienet it-talba tagħna, imma l-ebda azzjoni jew direttiva oħra.

Se jkollha dritt tagħmel *collective barganing*? Iva, dan huwa dritt ġdid li se jiġi miksub.

Se jkollha dritt tissieħeb ma' fora oħrajn sabiex taħdem fil-qrib magħhom? Le. Għandna nkunu għal kollox indipendenti minn, u mhux assoċjati ma' xi Korp, inkuż kull *trade union* jew Korp jew assoċjazzjoni oħra li tingħaqad jew taħdem fil-qrib ma' *trade union,* li ma jkunx servizz tal-Pulizija.

Il-Police *Negotiating Board* se jibqa? Iva, il-PNB hemm se jibqa', il-ħaġa nkwetanti hi li d-dritt li f'każ ta' nuqqas ta' ftehim immorru arbitraġġ tneħħa.

Li daħal il-kunċett li jkun hemm il-ħsieb li *'Union'* u 'Pulizija' li jkunu fl-istess sentenza huwa progress kbir, iżda għad fadal ħafna xi jsir sabiex nersqu qrib ta' sħabna f'pajjiżi Ewropej. L-aspett negattiv ta' dan kollu huwa li l-*feedback* li għadna fuq din il-liġi huwa li dak li tlabna mhux rifless fuq dan l-abbozz. Aħna xorta nirringrazzjaw lil kull min qed jipprova jgħin biex ikollna *union* li verament tkun tista` taħdem mingħajr xkiel għall-benefiċċju tal-membri tagħna.

**Rapport Finanzjarju**

Il-Kumitat jifhem li l-fondi tal-MPA huma miġbura mingħand il-membri u għandhom jintużaw b'responsabbilta` u mhux jintnefqu bl-addoċċ. Dawn huma l-bilanċi skond kif ġew awditjati, korretti sal-31 ta' Diċembru 2011.

| APS Bank - Current | APS Bank - Fixed | BOV - Fixed | HSBC - Fixed |
|---|---|---|---|
| €32,704.00 | €16,111.76 | €13,934.15 | €24,187.76 |

Total: €86,937.67

Dawn il-fondi jiġu minn parti tal-kontribuzzjoni li intom tħallsu kull tliet xhur. Għalkemm kull membru tal-Korp huwa membru tal-MPA, aħna nirċievu biss is-somma ta' €3.49 kull tliet xhur mingħand ir-ranks ta' Kuntistabbli, Surġent, Surġent Maġġur u Spettur. Ir-ranks l-oħrajn iħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom, iżda dawn ma jgħaddux għand l-MPA. Dan qiegħed ngħidu sabiex wieħed ikun jista' jagħmel kalkolu aħjar fuq l-ammont ta' introjtu li għandna.

**Skemi ġodda għall-membri tagħna**

Minn żmien għall-żmien, jiġu ntrodotti skemi ġodda għall-benefiċċju tagħkom. Il-kumpanija **Portughes** qiegħda toffri skontijiet fuq servizzi ta' *dry cleaning* u **Thomas Smith Insurance** qiegħda wkoll toffri skontijiet favorevoli ħafna. Iktar informazzjoni tinstab fuq is-sit tagħna www.mpa.org.mt/skemi.

**Trasport Pubbliku**

Nirċievi diversi telefonati fuq jekk is-servizz tat-trasport pubbliku huwiex b'xejn jew le għaliex sfortunatament jidher li għad hemm xi xufiera li għadhom jaħdmu bis-sistema antika u ma jtellgħux Pulizija pajzana mingħajr ma jħallas. Din hija sentenza meħuda minn fuq is-sit tal-Arriva, u hija r-risposta li nieħu jien meta nagħmel kuntatt magħhom:

Uffiċjali tal-Pulizija bl-uniformi jew li jkollhom dokument validu li jiddentifikom bħala Pulizija jistgħu jivvjaġġaw b'xejn bis-servizzi tagħna.

Dan ifisser li membru tal-Korp bl-uniformi jew pajzan jagħmel użu mis-servizz b'xejn ukoll. Nixtieq nagħmilha ċara li l-membru biss jitla` b'xejn u mhux il-familja kollha miegħu.

Permezz ta' dan l-artiklu xtaqt nuri xi punti li aħna nħabbtu wiċċna magħhom. Huwa faċli tikritika biss, mingħajr ma' imqarr tressaq suġġeriment wieħed x'għandu jsir. Huwa faċli tgħid li l-MPA ma tagħmel xejn u qiegħda hemm għal xejn għax hekk ikun komdu għalik. Naħseb xi kultant hawn minn jinsa` li l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv huma wkoll membri ta' Korp dixxiplinat, u jkun hemm bżonn li tintuża ċerta etika f'kull ma' nagħmlu.

Xtqat nieħu dan il-punt sabiex nirringrazzja lill-AC Dr A Casha LL.D u lis-SM 1450 M Rotin li rriżenjaw mill-Konferenza Ġenerali għall-ħidma tagħhom fil-perjodu li għamlu parti mit-team tagħna.

mpa@onvol.net

# Kors ta' taħriġ Annwali 2011 f'Imber Court Surrey, l-Ingilterra

minn PS 1167 David Fenech - Sezzjoni tal-Kavallerija
Ritratti: Metropolitan Police

Imber Court huwa kumpless Akkademiku ta' taħriġ lil min japplika biex jiġi trasferit ġewwa l-Kavallerija ta' Londra u għadu ma jafx jikkontrolla żiemel waħdu, kif ukoll jingħata taħriġ lil żwiemel ġodda biex isiru żwiemel addattati għax-xogħol pulizjesk.



L-istess kumpless jagħti korsijiet lill-uffiċjal u ż-żiemel responsabbli minnu li diġa' huma stazzjonati f'waħda mit-Taqsimijiet tal-Kavallerija ta' Londra, l-istess uffiċjali u ż-żwiemel iridu jattendu kors ta' ħmistax-il ġurnata f'sena biex jiġi rivedut ix-xogħol li għandu x'jaqsam magħhom u biex jiġu implimentati affarijiet ġodda wkoll.

Membru mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta, is-Surġent David Fenech attenda għal dan il-kors ta' taħriġ annwali, li kien jinvolvi mmaniġjar tal-istallel inġenerali, taħriġ fuq irkib ta' żwiemel fit-triq, taħriġ ta' irkib taż-żwiemel ġewwa skola magħluqa li involva qbiż biż-żwiemel kif ukoll taħriġ ta' formazzjoni ta' skwadra biż-żwiemel li jintużaw għaż-żamma tal-bon ordni pubblika, kif ukoll għal lezzjonijiet ġewwa l-klassi.



Dan il-kors kien immexi mill-Ispettur Danny Butler, is-Surġent Peter Agnew, kif ukoll il-Kuntistabbli Andy Baker, li kollha huma għalliema kwalifikati fuq dan ix-xogħol ta' taħriġ.

Ta' min isemmi li dan il-kors kien ta' vantaġġ kbir kemm għas-Surġent Fenech kif ukoll għall-Korp tal Pulizija ta' Malta bit-taħriġ u nformazzjoni li jingħata l-istess membru tal-Korp. Il-ġurnata għas-Surġent Fenech kienet maqsuma f'żewġ rikbiet biż-żwiemel b'karattri differenti biex ikompli jibni









fl-esperjenza ta' kif għandu jimmaniġja u jħarreġ iż-żwiemel kemm fit triq kif ukoll inġenerali, u kienet tispiċċa b'lezzjoni ġewwa l-klassi li kien jiġi diskuss ix-xogħol kollu li sar matul dik il-ġurnata, kif ukoll jiġi diskuss it-taħriġ għall-ġurnata li jmiss.

Ringrazzjamenti immorru lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta tal-opportunita' kif ukoll lill-Pulizija Metropolitana għat-taħriġ professjonali li wrew ma' l-istess membru tal-Korp.

# Prince

Nhar is-Sibt 2 ta' Marzu 1985 wasal f'Malta mill-Irlanda *Prince*, żiemel li ġie hawn Malta sabiex jarrwola ruħu fil-Korp tal-Pulizija.

*Prince* ta' servizz lill-Korp tal-Pulizija kif ukoll lil pajjiżna għal dawn l-aħħar erbgħa u għoxrin sena. Bejn l-1985 u l-2006 Prince intuża kemm għal xogħol polizjesk kif ukoll ġie ntużat minn Pulizija ġodda stazzjonati l-Kavallerija peress li kellu temperament tajjeb ħafna u kien jieħu ħsieb ħafna lir-rikkieb il-ġdid.

Fl-2006, *Prince* ma baqax jagħti s-servizzi tiegħu lill-Korp. Iżda *Prince* ma waqafx hemm għax bejn l-2006 u l-2009 huwa ta' servizz lil *La Valletta Disabled Horse Riding School* fejn huwa kien irrikkeb persuni bi bżonnijiet speċjali. B'hekk Prince kien jirnexxielu jferraħ bosta tfal.



Meta ż-żmien kien qiegħed jidher fuq iż-żiemel, il-Korp iddeċieda li *Prince* jirtira għal kollox u għal sentejn oħra kien iqatta l-ġurnata fil-bitħa jilgħaq ix-xemx u jinbex liż-żwiemel l-oħra li kienu miegħu.

F'Ottubru 2011, *Prince* miet biż-żmien fl-eta` ta 32 sena, li jiġu 93 sena fi żmien uman.

Bħala membri kollha stazzjonati fis-Sezzjoni tal-Kavallerija, insellmu lil *Prince* – żiemel li ma ninsew qatt.

Grazzi



magazine.police@gov.mt

# Il-Korp jirbaħ unur ieħor fil-*Malta People Awards 2011*

mis-Supretendent Dr Mario Spiteri LLD – Kwartieri Ġenerali






Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2011, il-Korp tal-Pulizija rebaħ l-*"APS Bank Ltd Corporate Social Responsability Award"* fil-"Malta People Awards 2011", f'serata li saret fil-lukanda *Intercontinental* f'San Ġiljan. Din is-serata tiġi organizzata kull sena mill-*"Foundation for Human Resources Development"*.

Dan l-unur jingħata lil dawk l-entitajiet li, fost oħrajn, li bl-inizzjattivi jew il-proġetti tagħhom, juru l-impenn sħiħ tagħhom lejn il-benesseri tal-komunita'. Din is-sena, dan l-unur intrebaħ ukoll mill-*Corinthia Palace Hotel & Spa* u mit-*Transplant Support Group.*



Din hi t-tieni s-sena li l-Korp daħal għal dawn l-unuri. Is-sena l-oħra huwa kien rebaħ l-*"Actavis Learning and Development Award"* u dan għall-impenn muri fit-tagħlim u l-iżvillup tal-impjegati tiegħu.

Il-*Corporate Social Responsibility Award* jingħata wara li ssir evalwazzjoni minn żewġ assessuri tar-responsabbilitajiet tal-entita' u kif din tkun qiegħda twettaqhom. Tingħata prijorita' ta' kif it-*top management* ikun qiegħed jimbotta l-valuri tal-entita' tiegħu lejn il-komunita' in ġenerali u jiġi assessjat il-fatt ta' jekk l-inizzjattivi meħuda jew il-proġetti li jsiru mill-istess entita' jkunux fil-fatt in linja mal-prioritajiet tal-komunita' nnifisha.



Ċertament li mid-diversi proġetti li jorganizza l-Korp lejn il-komunita' Maltija, dan l-unur kien wieħed verament mistħoqq.

mario.a.spiteri@gov.mt

# Rabta Ċoff jew għal Dejjem

minn Fr. Raymond Bonnici OFM Cap - Kappillan tal-Korp tal-Pulizija

Issib min fil-ħajja jiddeskrivi ż-żwieġ bħala kaxxa magħluqa, ma tafx kif ser jiżvillupaw l-affarijiet matul is-snin. Ser naqsam magħkom xi ftit riflessjonijiet dwar din ir-realta` biex ilkoll kemm aħna, u ninsabu fejn ninsabu fil-ħajja, naħsbu ftit x'jista' jkun il-kontribut tagħna għal ambjent b'saħħtu u seren li lkoll nixtiequ ngħixu fih. Kull forma ta' relazzjoni bejn żewġ persuni titlob impenn *(commitment)*. Din ir-relazzjoni tiġi konsolidata f'rit reliġjuż għal min jemmen, kuntratt ċivili jew koabitazzjoni għal min jagħmel għazliet oħra. Filwaqt li jiena ma nistax nirrikmanda għazliet oħra minn dik ta' rabta fiż-żwieġ nisrani bħala sagrament, hawnhekk se naqsam magħkom x'jistgħu jkunu l-ingredjenti biex jagħmlu suċċess minn min irid jgħix b'fedelta`. Kelma li jagħti ma' min irid jaqsam il-ħajja tiegħu ma' ħaddieħor. Meta nuża l-kelma 'suċċess', nużaha mhux fil-kuntest ta' xi kompetizzjoni jew tellieqa, iżda fil-kuntest ta' mixja biex tnejn isiru jafu lil xulxin u jagħtu spazju lil xulxin b'tali mod li dan is-suċċess jilħaq l-iskop tiegħu wara ħamsin sena ta' qsim ta' ħajja. Tidher impossibbli din il-ħaġa, le? M'hiniex ngħix fi sħab u naf x'qiegħed ngħid u nikteb. Hawn ħafna fostna li l-impenn li daħlu għalih qegħdin jagħmlu minn kollox biex jgħixuh. Ħadd minna ma għandu jieħu atteġjament li niġġudikaw jew nikkundannaw lil min sab ruħu f'sitwazzjonijiet diffiċli jew differenti minn tagħna fil-ħajja. Inħallu f'idejn min jaqra fil-qalb tal-bniedem biex dak jagħmlu u mhux jiena jew int.

Waħda mill-ewwel mistoqsijiet li wieħed jeħtieġ li jagħmel huwa kemm matul iż-żmien ta' qabel ma tnejn jikkommettu lilhom infushom, ikunu fil-fatt saru jafu lil xulxin. Tnejn isiru jafu lil xulxin meta jaslu biex jaqsmu u jikkomunikaw lil xulxin dak li tassew ikollhom f'qalbhom. Dak li jingħad fl-ewwel ftit ta' żmien, ħafna drabi jkunu affarijiet biex naqbad u nżomm lil *partner* għax ikolli ħafna emozzjonijiet li jiġru bija. Jibda għaddej iż-żmien u f'dak il-perjodu irrid nistaqsi kemm huwa investiment siewi li qiegħed nagħmel biex nsir naf lil *partner* tiegħi bis-serjeta`. It-tul taż-żmien fih innifsu mhux daqstant iżda huwa importanti li jkun *quality time* u mhux mgħoddija taż-żmien jew ngħaddu biż-żmien lil xulxin! Ħajja ta' relazzjoni hija ħaġa serja li titlob impenn mill-bidu sal-aħħar.



M'hemmx waqt wieħed jew żmien fejn xi ħadd mill-koppja jista' jgħid: "issa nistgħu nserrħu rasna u kollox ser jimxi waħdu u fuq ir-rubini". Inkunu qegħdin nissimplifikaw iż-żejjed ir-realta` taż-żwieġ jekk nieħdu attitudni fejn naħsbu li nistgħu nieqfu nirriflettu u nagħtu s-sehem tagħna biex dan is-sagrament jibqa' possibbli li ngħixuh minkejja l-isfidi u d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Il-mument li nibdew nieħdu lil xulxin *for granted* minħabba raġunijiet tax-xogħol, ħbieb, *hobbies* jew affarijiet oħra li ngħatuhom prijorita` qabel ir-relazzjoni li jkollna, nibdew nistiednu l-inkwiet. Irridu nżommu f'moħħna l-ħin kollu li ħadd mhu magħmul mil-lastiku u nistgħu nġebbdu fih skont l-aptit jew il-burdati. Nistaqsi lili nnifsi kif dejjem nista' nieħu ħsieb lili nnfisi u lil ta' madwari jew lil min għazilt li naqsam ħajti miegħu jew magħha biex b'rispett lejja nnfisi u dak li wegħidt jirnexxili nżommu. Huwa possibbli li nagħti ħajja ġdida lir-relazzjoni tiegħi jekk ninpenja ruħi u nfittex għajnuna qabel ma jkun tard wisq. Dejjem teżisti l-possibbilta` u ċ-ċans jekk inħallu bieb miftuħ għal dak li Alla l-imbierek irid u jista' jagħmel anki jekk l-affarijiet ikunu jidhru diffiċli ħafna.

Il-Mulej ibierek lilkom u lil għeżież tagħkom kollha.

magazine.police@gov.mt

# L-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Pulizija

mill-Assistent Kummissarju Dr Antoine Casha LL.D

Fl-aħħar ta' Novembru tas-sena l-oħra ġie ppubblikat abbozz ta' liġi li jemenda numru ta' liġijiet, fosthom l-Att dwar il-Pulizija. Dawn l-emendi jidher li huma maħsuba biex jagħtu widen għat-talba tal-MPA – biex minn Assoċjazzjoni issir *Union (in house)*. Iżda kemm huwa minnu li dawn l-emendi taw widen għat-talba tal-MPA biex il-Pulizija jkollna unjoni?

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-MPA kienet ilha titlob id-dritt ta' *union* għall-Pulizija sa mill-2005. Saret ħidma kontinwa li ma qatgħet xejn. Is-sena l-oħra (2011) żdiedet il-pressjoni fuq l-Gvern biex dan iseħħ mill-aktar fis. Infatti, fl-20 ta' Settembru l-MPA reġgħet ippreżentat ittra uffiċjali fil-Qorti biex iċċaqlaq l-affarijiet. Jidher li dan seħħ għax ftit jiem wara, fid-29 ta' Settembru, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, ippropona mozzjoni Numru 247 fil-Parlament dwar l-ewwel qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija".

Kulħadd ħa pjaċir b'dan l-iżvilupp u għalhekk konna qed nistennew li jiġi ppubblikat dan l-abbozz biex naraw x'fih. Ngħid is-sewwa, jien kont nixtieq li kieku l-MPA kienet involuta fit-tfassil tal-abbozz iżda, skont l-MPA, din qatt ma ġiet ikkonsultata fuq il-kontenut tal-emendi: jidher li ħadd ma kien jaf x'kien qed jiġi propost. L-unika ħaġa li kienet ċara fid-29 ta' Settembru 2011, kienet li din il-mozzjoni tat x'jifhem li se jkun hemm liġi partikolari biex temenda l-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164) – jiġifieri, f'dik il-liġi li tirrigwarda l-MPA. Fl-opinjoni tiegħi forsi wieħed seta' għaġġel joħroġ jgħajjat "vittorja" meta għadek ma tafx x'hemm propost.

Iżda fid-29 ta' Novembru 2011, xahrejn wara, fl-aħħar ġie ppubblikat Abbozz (Numru 97) ta' Liġi msejjaħ l-Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Materji Kriminali. L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' liġi mhumiex biss biex jemendaw l-Att dwar il-Pulizija, iżda jinkludi ukoll numru kbir ta' emendi għall-liġijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mad-dritt ta' *Union* għall-Pulizija.

Fl-istess ġurnata li ġie ppubblikat dan l-abbozz l-MPA ħarġet stqarrija fejn stqarret li:

"Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni jilqa' bi pjaċir l-emendi mħabbra permezz ta' abbozz ta' liġi li ħabbar il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, fejn l-Assoċjazzjoni (MPA) sejra tingħata l-libsa legali ta' *Union (inhouse)* għall-membri tal-Korp.

….. L-MPA tixtieq tirrimarka ukoll li kienet hi stess li fl-2005 talbet dan id-dritt u dejjem insistiet li ma jkolliex d-dritt tal-*istrike.*

….Il-Kumitat Eżekuttiv jawgura li din il-paġna l-ġdida fl-istorja tal-MPA u tal-Korp tal-Pulizija tissarraf f'ġid għall-membri fir-ranki kollha tal-Korp bla ebda distinzjoni ta' xejn."

Dan nawgurah jien ukoll. Iżda ma nafx kif dakinhar stess l-MPA ħarġet tgħid li tilqa` bi pjaċir l-emendi li hemm f'dan l-abbozz meta ħadd ma kien għadu jaf x'hemm fih eżatt, wisq anqas xtarr sew l-emendi li ġew proposti. Dan dejjem sakemm ma kienx hemm minn jaf minn wara l-kwinti x'qed jiġi propost u zamm kollox għalih.

Issa, xhur wara, qed jirriżulta li hemm xi punti li l-MPA mhux qed taqbel magħhom. Għalhekk naħseb li f'dan il-każ l-MPA għaġġlet meta ħarġet tistqarr "...li tilqa` bi pjaċir l-emendi mħabbra" mingħajr ma rat sew x'kien hemm miktub fl-abbozz – jew forsi xi ħadd daħaq b'xi membri tal-MPA? Se nsemmi xi emendi li ta' min wieħed jaħseb sew fuqhom.

• Ħaġa li tolqtok mill-ewwel hu l-fatt li l-*Union* tal-Pulizija kif proposta f'dan l-abbozz quddiem il-Parlament, mhux se jkollha l-ebda dritt ta' azzjonijiet industrijali (strike jew xi azzjoni oħra parzjali). L-emenda għall-Artikolu 24 tal-Kapitolu 164 tgħid hekk:

"… Iżda wkoll li, minkejja xi dispożizzjoni kuntrarja, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta għandu jkollha l-jedd biss li tirrappreżenta u, jew tinnegozja f'isem il-membri tagħha għar-rigward tal-kondizzjonijiet ta' impieg tagħhom u ma jkunx leġittimu għall-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta li tagħti xi direttiva, sew parzjali jew sħiħa, lill-membri tagħha fil-kontemplazzjoni jew fl-avvanz ta' tilwima industrijali." (sottolinejar tiegħi)

Jien nista' nifhem u naqbel li ma jkunx hemm dritt ta' *strike* għall-*union* tal-Pulizija; ma nemminx li skop ta' xi ħadd minna huwa dak li jċaħħad li ċittadin minn xi servizz; iżda tant ieħor nemmen li mhux sew li lanqas se jkollna mezzi biex nuru d-dispjaċir jew in-nuqqas tagħna (apparti li noħorġu xi press release jew protest ġudizzjarju kif nagħmlu bħalissa) għall-mod kif niġu trattati. Il-fatt li issa li l-MPA se tkun tista' tieħu sehem f'*collective bargaining* ma' *Unions* oħra meta titkellem mal-Gvern, mingħajr id-dritt li l-MPA tkun tista' tagħti xi direttivi, anke parzjali, lill-membri tagħha, tħallina fejn konna.

Mela x'saħħa se jkollha din il-*union*? Fl-opinjoni tiegħi qisek għandek *boxer* li tfajtu fir-*ring* b'idejh it-tnejn marbutin wara daru. Mank tajtu ċans żgħir li tħollu id waħda! Għalhekk ngħid li b'dak li ġie propost f'dan l-abbozz, bqajna fejn konna. Tinsewx ukoll, li biex wasalna s'hawn (jiġifieri fejn konna qabel) għaddew seba' snin! Nista` nifhem il-frustrazzjoni ta' xi wħud fuq dan l-atteġġament għax ħadd ma jieħu pjaċir b'min qed jiġbidlu saqajh.

Ma jidhirlix li din kienet il-pożizzjoni oriġinali tal-MPA – dejjem ħadt l-impressjoni li l-MPA għalkemm ma ridietx id-dritt ta' strike, l-MPA kienet favur azzjonijiet parzjali. Dan għadu l-każ? Jekk iva, kif ħriġna ngħidu "Prosit u grazzi" ta' dan l-abbozz? Bir-rispett kollu ngħid li ma nistax naqbel ma' dawk li qed jgħidu li mxejna 'l quddiem għas-sempliċi fatt li fil-liġi issa se tidħol il-kelma *union*.

• Qed jiġu proposti emendi wkoll għal PNB, jiġifieri Bord magħmul min-naħa uffiċjali, naħa tal-persunal, u *chairman* indipendenti maħtur mill-Prim Ministru biex jiġu kkunsidrati kwistjonijiet mqajjma min-naħa uffiċjali jew tal-persunal, kif hawn isfel deskritti, dwar is-sigħat tax-xogħol, il-pensjonijiet, il-vakanzi, il-paga u l-*allowances* u kondizzjonijiet oħra tas-servizz.

B'dawn l-emendi mhux ċar se jkun lir-rowl ta' dan il-Bord – jidher ċar iżda li se jitneħħa għal kollox id-dritt ta' arbitraġġ f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ naħat. Huwa minnu li s'issa dan il-mekkaniżmu eżistenti ma ħadimx, għax filfatt, l-MPA talbet għal arbitraġġ fl-2008 u wara li l-Bord ta' l-Arbitraġġ għadda r-rapport lill-Prim Ministru kif titlob il-liġi, dan ir-rapport baqa' fuq l-ixkaffa.

Jekk il-funzjoni tal-PNB se tkun biss ta' konsultazzjoni u djalogu kif qed jiġi propost issa, ma narax il-ħtieġa tiegħu kif qed jiġi propost. Jekk l-MPA ssir *union*, jidher li l-ilmenti tagħna li ma jiġux solvuti bejn l-MPA u l-*employer* tagħna (il-Gvern) dan se jibda jiġi regolat bl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). Dan jidher tajjeb għax hemm proċess sħiħ f'din il-liġi kif għandhom jiġu trattati nuqqas ta' qbil bejn il-ħaddiema u min iħaddem, jiġifieri konċiljazzjoni eċċ. Iżda ġieli jiġri li anke wara dan kollu jibqa` n-nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ naħat.

X'jiġri? Hawn jidħol id-dritt tal-*unions* li jieħdu azzjonijiet jew jagħtu direttivi ndustrijali lill-membri tagħhom – iżda kif rajna ftit aktar 'il fuq, dan id-dritt l-MPA bħala unjoni mhux se jkollha! Allura dan kollu fl-emendi biex l-MPA se tkun tissejjaħ *UNION* u nieqfu hemm? Biex xi ħadd jagħlqina ħalqna u jgħid li tagħna li tlabna – union għall-Pulizija u nieqfu hemm?

• Ħaġa oħra li fl-opinjoni tiegħi mhiex qiegħda sew hi dik li tikkonċerna l-approvazzjoni ta' l-istatut tal-MPA bħala *Union* u kull tibdil li jista' jsir wara. Ma nistax nifhem kif qed jiġi propost li l-istatut tal-*union* tal-Pulizija jrid bilfors jiġi approvat mill-Kummissarju. Dan fl-opinjoni tiegħi ma jagħtix l-impressjoni li l-Union se tkun indipendenti. Dan mhux għax għandna xi dubju fil-Kummissarju preżenti jew f'dawk ta' warajh li m'għandhomx għal qalbhom l-interess tal-membri tal-Korp, iżda għax din l-indipendenza tal-*Union* trid tkun tidher ukoll fit-tħaddim tal-*union* tal-Pulizija. Ma nistax nimmaġina xi unjoni oħra tal-ħaddiema li tmur titlob l-approvazzjoni tal-*employer* għall-istatut tagħha jew kull meta din il-*union* tħoss il-bżonn li tagħmel xi tibdil fl-istatut tagħha.

Dan jgħodd iżjed u iżjed meta fil-liġi proposta hemm maħsub sabiex l-MPA tkun tista' tiġi rreġistrata mar-Reġistratur tat-Trade Unions skont l-Artikolu 53 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Jien se nieqaf hawn, iżda hemm ħwejjeġ oħra x'nista` ngħid fuq dawn l-emendi proposti fl-Abbozz (Numru 97) li suppost huma ntiżi biex jagħtu iżjed saħħa lill-membri tal-Korp biex itejbu l-kundizzjonjiet tax-xogħol tagħhom: iva, saħħa b'responsabbilita`; il-ħsieb tagħna ma għandux ikun li "nheddu" lil min ikun fil-Gvern b'xi azzjonijiet industrijali, iżda lanqas huwa sew li niġu stmati kif qed niġu stmati u nittieħdu *for granted* għas-sempliċi raġuni li ma nistgħu nagħmlu xejn għax qegħdin f'Korp dixxiplinat. Biex wasalna għal dan l-abbozz l-MPA, għan-nom tagħna, ilha seba' snin tħambaq u tagħmel l-almu tagħha - iżda wara seba' snin jien qed nara li bqajna fejn konna.

Tislijiet

antoine.casha@gov.mt

# Il-films vjolenti u l-kriminalità

minn Dr Anthony Licari LLD

Ġeneralment in-nies iħobbu jgħidu li l-*films* ma jaffettwawhom bl-ebda mod, la l-*films* li jippromwovu stil ta' ħajja immorali, la dawk li jħeġġu sodisfazzjon artifiċjali fil-ħajja ta' kuljum u lanqas dawk li jpinġu l-vjolenza bħala xi tip ta' erojiżmu. Ġieli anki ssib produtturi tal-*films* vjolenti li jgħidu li l-iskop tagħhom hu verament li juru ħafna vjolenza kriminali biex fl-aħħar tal-film juru l-kriminali telliefa. Dawn il-produtturi jippruvaw jagħtu l-impressjoni li la l-bwon ordni u l-onesta' jirbħu fl-aħħar tal-*film*, allura l-*film* li jkunu ħolqu hu pożittiv.

Il-psikoloġi tal-kriminalita' u tal-vjolenza, kif ukoll il-membri tal-korpi tal-pulizija, jafu ben tajjeb li l-produtturi li jirraġunaw b'dan il-mod aktarx li ma jkunux ġenwini minħabba l-fatt li jinsew, forsi konvenjentament, isemmu l-proporzjon tal-ħin fil-*film* dedikat għall-vjolenza paragunat mal-ħin fejn il-vjolenza tidher ikkritikata jew imċanfra. Fil-fatt, jekk *film* ikollu ħin ta' sagħtejn, per eżempju, u l-aħħar għaxar minuti tiegħu ikunu pożittivi, ċioe' meta t-tajbin jirbħu u l-ħżiena jsofru disfatta, dan ma jfissirx li l-*film* hu pożittiv, għax wara kollox dak li jkun rah ikun ġie espost għal siegħa u erbgħin minuta ta' vjolenza li ma jitħassrux minn kwarta ta' kumpens pożittiv fl-aħħar tal-film. Allura nistgħu ngħidu li l-produtturi tal-*films* vjolenti aktarx li jkunu qed jużaw mekkaniżmu ta' difiża favur il-kummerċ ċinematografiku tagħhom.

Darba l-produttur tal-*films* kriminali Michael Mann għamel konferenza stampa u l-ewwel persuna li qamet tagħmillu mistoqsijiet kien ċertu Faid li qallu li kien għamel ħafna snin il-ħabs minħabba *hold ups,* attakki fuq vanijiet tat-trasport tal-fondi eċċ. Faid qal lil Michael Mann li biex tgħallem jagħmel dawn l-affarijiet kellu professur tajjeb li kien Michael Mann stess. Ir-risposta ta' Mann kienet: "Ma nafx x'naqbad nirrispondi." Faid ammetta mal-ġurnlisti li biex attakka van tal-fondi ma' sħabu, kien l-ewwel mar jara *film* simili b'Robert de Niro mhux anqas minn seba' darbiet biex jitgħallem sew kif għandu jaġixxi meta hu stess ipoġġi fil-prattika dak li ikun tgħallem mill-*film.*

Eżempji ta' dan it-tip hemm ħafna u tant minnhom ma nkunux nafu bihom. Akkużat mhux dejjem jammetti mal-pulizija u mal-qorti li tħajjar jagħmel *hold-ups,* splużżivi, serq, droga eċċ mill-*films.* Aktarx li ma jkunx konxju ta' dan u għalhekk is-soċjeta' hi fid-dover li tipproteġi lil min għandu karattru dgħajjef u influwenzabbli.

**Iċ-ċensura**

Spiss tisma' nies jgħidu li ċ-ċensura hi awtomatikament ħażina għax l-adulti m'għandhomx bżonn min jgħallimhom qishom tfal żgħar. Dan forsi veru, u veru dejjem? Filfatt dan mhux veru u allura dejjem mhux veru. Għaliex? Iċ-ċensura mhix mezz ta' kif tikkontrolla totalment l-influenza negattiva tal-*films* fuq in-nies. Iżda ta' min jinsisti hawn fuq il-kelma "totalment". Iċ-ċensura għandha tkun il-kontroll ta' dak li hu moralment ta' ħsara. Meta ngħidu "morali" inkunu qegħdin ninkludu wkoll dak li hu vjolenti u forom oħra ta' kriminalita'.

Naturalment jekk jista' jiġi ppruvat li persuna adulta tista' tara spiss atti ta' kriminalita' mingħajr ma tiġi bl-ebda mod influwenzata negattivament, dan ikun argument kontra ċ-ċensura. Imma l-bniedem mhux statwa tal-irħam f'nofs pjazza li r-riħ u x-xita qajla jaffettwawh. Il-bniedem hu fiżikament magħmul minn elementi fiżiċi u psikoloġiċi degradabbli. Allura l-bumbardament kontinwu ta' materjal ta' kwalunkwe tip, pożittiv jew negattiv, se jkollhom bilfors impatt fuq min jesperjenza dan il-materjal. Naturalment l-impatt ikun akbar fuq l-imħuħ teneri bħal tat-tfal iżda mhux xejn fuq l-adulti.

**L-okkult u d-delitti**

Jeżistu delitti konnessi mas-sataniżmu u tipi oħra ta' okkult. Dawk ta' Saskatchewan fil-Kanada jibqgħu notorji. Dawn huma delitti konnessi ma' xi tip ta' sperimentazzjoni fejn il-kriminal iħoss id-dritt li jimmanipula persuna oħra b'mod vjolenti qisha l-vittma hi oġġett li ma jħossx xejn. F'dan il-każ ukoll, din l-isperimentazzjoni tkun inġiebet mill-influwenza tal-*films* makabri. Ħafna jaħsbu li dan it-tip ta' *film* hu kważi komiku u ma jinfluwenza lil ħadd. Ir-rakkonti u l-evidenza tal-vittmi [jekk jibqgħu ħajjin] u tal-bojja tagħhom, jixhdu li dawn il-***films*** jikkondizzjonaw il-moħħ biex jaħseb li dan l-aġir hu sempliċiment aġir oriġinali.

**Il-cartoons**

Ħafna għandhom l-impressjoni li l-*cartoons* huma bla ebda ħsara għax huma mbegħdin mir-realta' u għax il-karattri tagħhom m'humiex umani. Forsi dan jgħodd għall-*cartoons* oriġinali ta' żmien ilu meta l-*cartoons* kienu pjuttost pożittivi, innoċenti u iżjed sempliċi. Madankollu xi wħud mill-*cartoons* li illum jiġu pproġettati fuq it-televiżjoni saru aktarx vjolenti kemm fl-azzjonijiet kif ukoll fil-lingwaġġ tagħhom. Sfortunatament ħafna ġenituri jgħidu: "it-tifel jew it-tifla qed jaraw il-*cartoons* allura m'hemm l-ebda periklu ta' inflwenza ħażina. Dan mhux veru għaliex jekk *cartoon* ikun fih ħafna aggressivita', dipressjoni u/jew mibgħeda, ma jkun innoċenti xejn u jikkondizzjona t-tfal b'dawn il-valuri jew sentimenti li jifformawlhom moħħhom b'din il-mentalita' li twassal aktar tard għal imġieba kkondizzjonata minn valuri negattivi. B'hekk tista' anki tinħoloq delinkwenza u l-pajjiż irid jara kif isolviha anki b'xogħol żejjed mgħobbi inutilment fuq il-pulizija.

**X'inhu moralment ħażin?**

Sfortunatament ħafna huma konvinti li l-influwenza ħażina għat-tfal hu biss dak li għandu element erotiku. Tant ġenituri jirraġunaw li l-vjolenza, id-diskors vulgari, id-deskrizzjoni ta' serq jew ħolqien tal-isplussivi m'għandhom xejn negattiv għas-sempliċi raġuni li m'humiex erotiċi. Fil-fatt dawn ix-xeni u d-diskorsi huma wkoll kondizzjonament u inkoraġġiment għall-imġieba kriminali. Xhiedha ta' dan huma d-diversi spjegazzjonijiet ta' delinkwenti li jistqarru li dak li għamlu kienu diġa' rawh isir fil-*films.*

magazine.police@gov.mt

# Ir-rebħ tal-*Aggregate Shield tar-Royal Life Saving Society* mill-Korp tal-Pulizija.

mill-Ispettur Stephen Mallia – Akkademja tal-Pulizija

Għall-ewwel darba wara diversi snin, l-Akkademja tal-Pulizija permezz tal-Ispettur Stephen Mallia u PS823 Ivan Brincat, ħarġet lil 83 rekluta fil-qasam tas-salvataġġ fil-baħar, liema taħriġ kien parti mill-31 kors bażiku ta' taħriġ qabel dawn ir-rekluti ig-gradwaw bħala Kuntistabbli.



Tali taħriġ kien jikkonsisti kemm fl-ewwel għajnuna fuq l-art magħruf bħala *Life Support (CPR, Choking, Recovery Position, etc.)* kif ukoll f'salvataġġ fil-baħar għal meta jinqala' l-bżonn li persuna f'diffikulta` tiġi salvata mill-għarqa.

Dan it-taħriġ ingħata kemm fl-Akkademja tal-Pulizija f'Sant Iermu kif ukoll fil-baħar f'San Ġiljan fejn hija bbażata ir-Royal Life Saving Society (RLSS), u dan peress li l-*instructors* imsemmija li taw it-taħriġ huma kkwalifikati mal-*RLSS – Malta Branch.*



Għalkemm it-taħriġ tejoretiku u fuq l-art beda kmieni matul is-sena, dan segwa fil-baħar bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju 2011. L-impenn kbir muri kemm mill-instructors kif ukoll mir-rekluti mħarġa ġie ppremjat mir-RLSS bir-rebħ tal-*Aggregate Shield* ferm prestiġjuża għall-ksib tal-ewwel post wara taqtija ħarxa mall-Forzi Armati ta' Malta b'distakk ta' 40 punt. B'hekk, wara li fis-sena preċedenti permezz tal-kwalifiki li ottjenew l-*instructors* u xi membri oħra tal-Korp, isem il-Korp tal-Pulizija ġie imnaqqax fuq it-Trophy mirbuħa għall-ksib tat-tieni post, fl-istaġun 2011 irnexxielna nirbħu l-*Aggregate Shield* storika li kienet mirbuħa mill-AFM fis-sena ta' qabel.

Għalhekk wara li matul is-sena 2011 kellna it-*Trophy* tar-RLSS eżibita fil-mużew tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali, matul is-sena 2012 ser ikun hemm eżebita x-*Shield* mirbuħa mill-Korp biex titgawda minn kulħadd.



Ta' min jgħid li din l-*Aggregate Shield* tar-RLSS tmur lura għexieren ta' snin sa mis-sena 1930 u l-aħħar li ntrebħet mill-Pulizija kien fl-1993, dak iż-żmien ukoll permezz tar-rekluti tal-Akkademja.

Fl-imgħoddi meta fostna kien hawn is-servizzi Ingliżi, il-Korp tal-Pulizija kien fost l-isfidanti ewlenien għar-rebħ tax-*Shield* fejn il-Korp kien rebaħha f'mhux anqas minn tmien okkażjonijiet, u dan fis-snin 1936, 1937, 1938, 1945, 1946, 1949, 1950, u 1956.

Infakkar lill-qarrejja, li f'waħda mir-rivisti tal-magażin tal-Pulizija ftit żmien ilu, kien deher ritratt antik tar-rebħ ta' din l-istess *Shield* mill-Pulizija ta' dak iż-żmien.

Illum, permezz tal-inizjattiva li qed tittieħed mill-*instructors* tal-Akkademja l-interess għal din l-isfida reġa' tqajjem sew.



B'sodisfazzjon inħabbar li mir-reklutaġġ tal-31 kors bażiku ta' taħriġ, 83 rekluta ġew eżaminati minn eżaminaturi indipendenti mir-RLSS u ngħataw ċertifikat tal-*Life Support,* filwaqt li 61 minnhom avvanzaw biex għaddew ukoll mill-eżami magħruf bħala *Police Life Saving Certificate.*

Ta' min jgħid li mis-sena 2011 dawn iċ-ċertifikati bdew joħorġu mill-*Commonwealth* u ġew ippreżentati mill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern waqt ċerimonja simbolika mtella' mir-RLSS nhar it-2 ta' Diċembru 2011 ġewwa l-iskola ta' St Patrick's f'Tas-Sliema. Preżenti għal din iċ-ċerimonja attendew kemm il-Kuntistabbli ġodda li kkwalifikaw u ħadu ċ-ċertifikati, kif ukoll il-Kmandant tal-Akkademja s-Sur Ronald Kelly, flimkien mall-Ispettur Stephen Mallia u PS823 Ivan Brincat bħala *instructors* tal-korsijiet, fejn dawn tal-aħħar ukoll avvanzaw sal-għola kwalifiki matul l-2011, u ottjenew il-midalji magħrufha bħala *Award of Merit* u s-*Silver Cross* biex issa jinsabu pass biss 'il bogħod milli jikkwalifikaw fl-għola kwalifika dik ta' *Distinction.*

Sehem importanti fil-għoti tal-punti permezz tal-kwalifiki li ottjena kellu PC 1348 Joseph Campbell, fejn ħa ħsieb wkoll li jtella' preżentazzjoni ta' ritratti għall-okkazzjoni li nġibdu minnu stess waqt it-taħriġ tal-*Life Saving.* Ta' min isemmi wkoll l-għajnuna mogħtija minn PS46 Charlot Casha lill-RLSS li wkoll ġie rikonoxxut b'ċertifikat ta' ringrazzjament mill-istess soċjeta`.

Ringrazzjament speċjali għandu jmur għas-Sinjuri Alfred Cauchi, Paul Ellul Bonnici u Agatha Zahra mill-RLSS li ddedikaw ħin sostanzjali fuq bażi volontarja biex jeżaminaw lir-rekluti kemm fl-Akkademja u anke f'San Ġiljan.

Minn hawn nieħu l-opportunita` biex inħeġġeġ lil dawn il-Kuntistabbli kkwalifikati fis-salvataġġ fil-baħar sabiex ma jieqfux hawn u din is-sena wkoll jsibu il-ħin u l-ħeġġa li jkomplu jattendu t-taħriġ li jsir mill-RLSS f'San Ġiljan matul is-sajf sabiex itejbu l-kwalifiki tagħhom.

Appell simili nwasslu wkoll lil dawk il-membri tal-Korp li huma interessati f'dan il-qasam ta' taħriġ fis-salvataġġ biex huma wkoll isegwu l-korsijiet u nistedinhom javviċinaw lill-*instructors tal-Life Saving* fl-Akkademja tal-Pulizija għal aktar informazzjoni.

Nemmen bis-sħiħ li kull uffiċjal tal-Pulizija għandu jkun kwalifikat f'dan il-qasam, aktar u aktar meta wieħed iqies li pajjiżna huwa mdawwar bil-baħar fejn l-inċidenti relatati ma jonqsux u huwa probabli ħafna li membru tal-Korp ikun jeħtieġ li jintervjeni biex isalva l-ħajja ta' min ikun jinsab f'diffikulta`.

Żgur li r-rebħ mill-ġdid tal-*Aggregate Shield* mill-Korp tal-Pulizija fis-sena 2011, wara nuqqas ta' 17–il sena, ta stimulu lilna bħala instructors li aħna nvoluti f'dan it-taħriġ biex inkomplu nwasslu aktar tagħlim f'dan il-qasam lill-membri tal-Korp permezz tal-Akkademja tal-Pulizija għall-benefiċċju tas-soċjeta` Maltija.

stephen.mallia@gov.mt

# Għoti ta' Shield, Ċertifikati ta' Mertu u ta' Trofew għall-Uffiċjal tas-Sena 2011

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Bħal ma ilu jsir mis-sena 2006, nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2012, saret iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati u l-unuri lil dawk il-membri li matul is-sena 2011 iddistigwew ruħhom b'azzjonijiet li jkunu wettqu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, flimkien mas-Sinjura tiegħu, l-Onorevoli Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari Dr C Mifsud Bonnici, kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp attendew għaċ-ċerimonja li saret ġewwa s-sala Vilhena, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Fis-sala Vilhena, tista` tgħid l-anqas kien hemm fejn toqgħod labra. Numru sabiħ ta' membri attivi kif ukoll ta' ex-membri attendew għal din iċ-ċerimonja li rat il-bidu tagħha b'quddiesa kkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raymond Bonnici.

Wara li saret talba mill-Kappillan u ġew imfakkra membri tal-Korp, kemm attivi u kemm pensjonanti li ħallewna matul is-sena 2011, bdiet iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet, bil-Kummissarju tal-Pulizija jippreżenta dawn il-premijiet.

**Trofej u *shield* ta' Kompetizzjoni tal-isparar li saret fl-Akkademja tal-Pulizija ntrebħu minn:**

L-ewwel post – PC 660 Alexander Mifsud stazzjonat fl-Iskwadra Mobbli;

It-tieni post – PC 1282 Dino Farrugia stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji;

It-tielet post – PC 727 Orazio Scicluna stazzjonat fid-Distrett Numru 5.

L-aħjar membru tal-Korp mara li marret tajjeb f'din il-kompetizzjoni kienet WPC 13 Dorienne Vella stazzjonta s-S.I.R.e.N.E.

L-aħjar distrett fl-isparar kien Distrett Numru 9, u għaldaqstant, is-Supretendent Martin Sammut, PC 1571 Mario Azzopardi, PC 584 Adrian Grech u PC 68 Jeffrey Zammit telgħu sabiex jirċievu x-***shield*** mingħand il-Kummissarju.

Ċertifikati ta' mertu ngħataw lil:

**PS 1240 Joseph Camilleri, PC 1316 Peter Agius, WPC 67 Vanessa Borg, PC 265 Kenneth Ciangura u PC 869 Kurt Gauci** talli waqt li kienu xogħol fit-taqsima rispettiva tagħhom, irnexxilhom jaqbdu filfatt persuni li kienu qed jikkommettu serqa minn ġewwa maħżen fiż-żona industrijali f'Tal-Ħandaq. Tali serqa kienet tikkonsisti f'***safe*** li kien fih is-somma ta' €64,000 fi flus kontanti.

**PS 1354 Claudio Redent Coppola** talli fil-21 ta' Lulju 2008, waqt li kien *off-duty,* kien strumentali sabiex jinqabdu filfatt

żewġ ħallelin li kienu qegħdin jisirqu minn ġewwa bitħa proprjeta' ta' *K.P.T. Trading*, f'Burmarrad. Is-Surġent kien għaddej minn Triq Burmarrad, meta osserva żewġt irġiel suspettuzi jgħabbu xi *membrane rolls* ġewwa vettura pparkjata fil-viċinanzi. Huwa ħa azzjoni immedjata fejn irnexxielu jarresta lil dawn il-ħallelin u allerta l-kollegi tiegħu mid-Distrett u mill-Iskwadra Mobbli. Sussegwentament il-ħallelin tressqu l-Qorti.

**PS 114 Massimo Persiano** talli matul is-sena 2010, eżattament bejn l-14 ta' Marzu u s-7 ta' April 2010, ħa sehem f'diversi attivitajiet relatati ma' proġetti tal-FRONTEX ġewwa l-Greċja, u li fihom b'mod professjonali rrapprezenta u b'dedikazzjoni lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

**PC 729 Kevin Decelis** talli fil-31 ta' Lulju 2011, waqt li kien *off-duty* il-baħar mal-familja tiegħu, irnexxielu jaqbad filfatt raġel li kien għadu kemm ikkommetta serqa minn bajja partikolari ġewwa Tas-Sliema. Il-Kuntistabbli nnota raġel suspettuż iħuf fil-viċinanzi meta f'daqqa waħda dan ħataf basket u telaq jiġri. Il-Kuntistabbli ġera warajh fejn wara rnexxilu jaqbdu ġewwa Triq it-Torri, f'Tas-Sliema.

**PC 450 Christopher Bartolo u WPC 297 Rhian Spiteri** talli fl-1 t'Awwissu 2011, waqt li kienu *off-duty* ġewwa Santa Venera, irnexxielhom jaqbdu persuna li kienet għadha kemm għamlet attentat ta' *snatch and grab* minn fuq il-persuna ta' mara anzjana. Dawn iż-żewġ Kuntistabblijiet ġrew wara l-ħalliel, irnexxielhom jarrestawh, għaddewh lill-Pulizija tad-Distrett ikkonċernat fejn sussegwentament tressaq il-Qorti.

**PC 77 Carmel Parnis** talli fil-11 t'Awwissu 2011, waqt li kien *off-duty* ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, irnexxilu jsalva l-ħajja ta' ċerta persuna mill-għarqa minħabba l-baħar imqalleb. Kien għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fejn dan il-Kuntistabbli lemaħ raġel fil-baħar li kien jidher f'diffikulta' minħabba l-qawwa tal-baħar. Dan sejjaħ lill-awtoritajiet konċernati fejn sadanittant, b'diffikulta' kbira minħabba r-riħ qawwi, irnexxielu jtella' lil dan ir-raġel mill-baħar.

**PC 121 Josef Vassallo u PC 1606 Robert Vassallo** talli fil-11 t'Awwissu 2011, waqt li kienu xogħol fit-Taqsima tat-Traffiku ġewwa Tas-Sliema, raw persuna fil-baħar li kienet qed issib diffikulta' sabiex titla' lura fuq il-bajja minħabba l-baħar imqalleb. Dawn barra mill-fatt li sejħu lill-kollegi tagħhom ġewwa l-*Control Room,* irnexxielhom isalvaw il-ħajja ta' din il-persuna billi tellawh lura fuq l-art.

**PC 1430 Alexander Mizzi** talli fil-21 t'Awwissu 2011, waqt li kien *patrol* bil-mutur tas-servizz tat-Taqsima tat-Traffiku osserva kullizjoni fejn vettura daħlet ġo arblu tad-dawl, bix-xufier ferut li kien għadu maqbud ġo fiha. Dan il-Kuntistabbli rnexxielu joħroġ lix-xufier minn ġol-karozza, li kien ħiereġ id-duħħan minnha, u b'hekk salva l-ħajja ta' dan ix-xufier. Tajjeb

Advert

li jingħad li x-xufier kienet tfajla li wara rriżulta li kellha erba` xhur tqala.

**PC 1597 Alfred Chetcuti** talli fl-24 t'Awwissu 2011, waqt li kien frank ġewwa Ħal Qormi, irnexxielu jarresta persuna li kienet għadha kif tat in-nar lil bieb ta' residenza fi Triq il-Kbira, ġewwa l-istess raħal. Dan il-Kuntistabbli ġera wara s-suspettat fejn irnexxielu jarrestah u jgħaddih lid-distrett konċernat.

**PC 1606 Robert Vassallo** talli fid-9 t'Ottubru 2011, waqt li kien xogħol fit-Taqsima tat-Traffiku ġewwa San Ġiljan, irnexxielu jaqbad filfatt raġel li kien għadu kemm ikkommetta serqa minn bajja partikolari kif ukoll talli fis-17 t'Ottubru 2011, waqt li kien frank ġewwa s-Siġġiewi, irnexxielu jaqbad filfatt żewġt irġiel li kienu għadhom kemm ikkommettew serq ta' ċilindri tal-gass minn diversi residenzi ġewwa l-istess raħal.

**PC 1129 Adrian Elich** talli fid-29 ta' Novembru 2011, waqt li kien *off-duty*, kien strumentali meta rnexxielu jsalva l-ħajja ta' persuna li kienet maqbuda ġewwa vettura li kienet qed tinġarr fil-wied tac-*Chadwick Lakes* minħabba l-kwantita' kbira ta' xita li kienet għamlet.

Għall-ewwel darba f'din iċ-ċerimonja, ingħata wkoll ċertifikat ta' apprezzament mill-Kummissarju, lis-Sur Joseph Bonnici, pajżan, bħala turija ta' apprezzament tax-xogħol siewi li wettaq tul dawn l-aħħar snin fil-kapaċita' tiegħu bħala *Manager Currency Operations*, fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Is-Sur Bonnici, b'ħidma konġunta mal-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi, għen sabiex tiġi protetta l-munita Ewro milli tiġi ffalsifikata.

Kien imiss issa sabiex jitħabbar il-Pulizija tas-sena u li għall-ewwel darba f'kemm ilu jingħata dan il-premju, l-isem inżamm sigriet. Il-Bord li huwa mwaqqaf apposta sabiex jintgħażel l-uffiċjal tas-sena, għadda l-għażla tiegħu lill-





Kummissarju tal-Pulizija. Filfatt, il-Pulizija tas-Sena ntrebaħ minn PC 1606 Robert Vassallo li huwa stazzjonat fit-Taqsima tat-Traffiku, u dan għall-mertu miksub tul is-sena kif wieħed jista` jara hawn fuq.

It-trofew li jingħata lil dak id-Distrett li rnexxielu jnaqqas l-akbar persentaġġ tar-rata ta' kriminalita meta kkumparat mas-sena ta' qabel, mar għad-Distrett Numru 1 li rnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita bi 15.19 fil-mija. Is-Supretendent Alexandra Mamo telgħet fuq il-podju sabiex tirvċievi x-*shield* f'isem id-Distrett kollu mingħand il-Kummissarju.

Fl-aħħar ingħata ċertifikat lil dsatax –il eks-membru tal-Korp li rtiraw mis-servizz is-sena li għaddiet wara li kienu servew fil-Korp għall-25 sena jew aktar. Il-Kummissarju tal-Pulizija fid-diskors tal-okkazzjoni tenna li huwa jinsab kburi bil-membri tal-Korp speċjalment b'dawk li bil-ħila tagħhom u barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom, intervjenew sabiex jipprevenu l-kriminalita`. Dawn il-membri urew kif il-prinċipju li l-Pulizija xogħol 24 siegħa huwa fatt u urewh billi anki waqt li kienu mal-familja l-baħar jew kienu qed jieħdu gost xi mkien, xorta osservaw u moħħhom baqa' jhewden fuq ix-xogħol.

"Meta niżbaljaw jiġbdulna widnejna... mela tajjeb li meta nagħmlu l-pożittiv, is-superjuri tagħna japprezzaw". Huwa fuq din il-bażi li l-Kummissarju jinsisti li din l-okkazjoni hija ta' motivazzjoni għall-membri kollha tal-Korp. Kull sezzjoni u membru huwa ta' importanza u huwa diffiċli li tagħti premju lil kull skwadra. Il-Kummissarju semma` b'mod partikolari l-Iskwadra Mobbli li qiegħda hemm iddur ma' Malta 24 siegħa kuljum kif ukoll is-Sezzjoni tat-Traffiku li kull filgħodu kmieni ssibha fit-toroq xemx u xita sabiex itaffu ftit minn nervi tas-sewwieqa.

Il-Kummissarju ma naqasx li jsemmi ukoll lid-Distrett tas-sena, id-Distrett Numru 1. Huwa stqarr li għalih huwa pjaċir doppju li propju kien dan id-Distrett fejn il-kriminalita` naqset



post li kienet taħdem fih, Rose tispjega kif illum il-ġurnata Pulizija ma tħossiex skomda meta jiġu nies pajzana sabiex ikellmuha jew jagħmlu rapport. Waqt li konna qed nitkellmu, ma naqasx li nsemmgħu xi praspura milli konna għaddejna minnha meta konna naħdmu flimkien ġewwa l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji. Rose serviet f'sezzjonijiet differenti matul is-servizz tagħha. Hija kienet parti mit-Taqsima tat-Traffiku u kienet barra fit-toroq sabiex tara li jiġu osservati sew ir-regolamenti. Minn hemm imbagħad marret il-liċenzji u fl-aħħar ġiet trasferita fl-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, fejn għamlet hemm sal-aħħar tas-servizz tagħha. Mistoqsija x'taħseb meta tħares lejn il-Korp tal-Pulizija llum il-ġurnata li hija m'għadiex isservi, Rose spjegat li llum ix-xogħol tal-Pulizija tant żdied li tisma' bi kriminalita` li qabel, meta daħlet hi lanqas biss kienu jafu biha. Illum il-ġurnata, skont Rose, il-Pulizija saret suġġett ta' diskussjoni qawwija. Iżda taħseb ukoll li dan huwa sinjal li l-Korp qed jaħdem u li m'għandniex naqtaw qalbna.

mis-sena ta' qabel u dan għaliex f'dan id-Distrett insibu l-Belt Kapitali li hija prattikament il-qofol tal-attivitajiet tal-pajjiż. Fil-Belt issib il-mekka tan-negozju, turiżmu, attivitajiet varji inklużi ċelebrazzjonijiet, Ministeri u saħansitra l-Parlament. Hija lokalita` fejn għandek follol ta' nies u dan joħloq aktar ċans għas-serq. 'Ma jfissirx li b'daqshekk distretti oħra m'għandhomx xogħol' qal il-Kummissarju. U hawnhekk semma' distretti bħal ma hu dak ta' San Ġiljan li kulħadd jaf x'piż iġorr.

Il-Kummissarju għalaq dan id-diskors billi ddeskriva s-sena 2011 bħala sena mpenjattiva imma pożittiva, għax dak li ġie rikjest minna wettaqnih.

Il-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari kompla jżid ma' dak li qal il-Kummissarju, fejn spjega li din il-ġurnata hija waħda ta' mertu, fejn ix-xogħol tal-Pulizija sarraf sabiex il-kriminalita` naqqset u nżammet l-ordni tal-pajjiż. 'Huwa ta' pjaċir kbir li ninsab fostkom illum' tenna l-Ministru fejn żied jgħid ukoll li s-sena ħidma u attivita` li għadha kif għaddiet kompliet sabiex baqgħet iżżomm għolja l-opinjoni tal-poplu fuq il-Korp. Il-Ministru għalaq id-diskors tiegħu billi f'ismu u f'isem il-Gvern irringrazzja lill-Korp tal-Pulizija.



Wara din iċ-ċerimonja, segwa r-riċeviment li nsibuh bħala dak tal-"pensjonanti". Bħal kull sena, l-attendenza kienet waħda numeruza. Filfatt, is-sala San Mikiel kienet mimlija sew u kull ex-membru erħilu jirrakkonta ż-żmien li għadda fil-Korp tal-Pulizija. Tista` tgħid li kważi kull pensjonant jitkellem fuq dan iż-żmien b'nostalġija liema bħala. Ma tistax ma tindunax li avolja xi tgergira qatt ma naqset, is-servizz u x-xogħol kien jimla' l-ħajja tagħhom b'esperjenzi pożittivi u li ma jinsew qatt. Ma domtx ma ndunajt li fost il-mistiednin kien hemm ex-kollega tiegħi li kienet parti tassew importanti biex jien nibni l-esperjenza tiegħi fix-xogħol. Qiegħda nirreferi għall-ex-WPC 72 Mary Rose Pulis, li llum il-ġurnata ilha barra mill-Korp ħames snin. Rose faħħret ħafna l-ambjent u l-istat li tinsab fih id-Depot bħalissa. Għalkemm dejjem addatat ruħha għall-

Minn ħdejn l-ex-membri, imxejt ftit għal ħdejn grupp ta' membri attivi li matul din iċ-ċerimonja ħadu ċertifikati ta' mertu. Ammirajt ħafna lil PC 265 Kenneth Ciangura, fejn bi kliemu faħħar ħafna d-deċiżjoni li ħa l-Bord meta għażlu lil kollega tiegħu PC 1606 Robert Vassallo bħala l-uffiċjal tas-sena. Kenneth kif ukoll sieħbu, PC 869 Kurt Gauci, kienu ngħataw l-istess premju s-sena l-oħra. Is-sodisfazzjon li ħassew dawk il-membri li ħadu ċertifikat ta' mertu kienet evidenti fl-espressjoni ta' wiċċhom. Huwa ġest sabiħ li t-tajjeb li nwettqu jiġi apprezzat u ppremjat.

Permezz ta' dan l-artiklu, nixtieq minn qalbi nifraħ lil dawk il-membri kollha li rċevew ċertifikat ta' mertu b'mod partikolari lil PC 1606 Robert Vassallo. Nixtieq ukoll nawgura saħħa lill-eks-membri tal-Korp li rċevew ir-rikonoxximent wara li għalqu 25 sena servizz jew aktar.

charlene.camilleri@gov.mt






















GO


www.casapinta.com





# Donazzjoni Strina 2011

Bħal kull sena l-Korp tal-Pulizija kien preżenti waqt l-Istrina 2011 sabiex jagħti d-donazzjoni tiegħu lill-*Community Chest Fund.* L-ogħla uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija attendew l-Istrina 2011 fil-Palazz tal-President tal-Verdala sabiex f'isem kull wieħed u waħda minna, mill-iżgħar sal-ogħla rank, tiġi ppreżentata s-somma ta' €3,300. Bil-ftit Ewro li ta kull membru, għaqqadna din is-somma li ġiet mgħoddija lil dawk il-persuni li bħalissa jinsabu aktar fil-bżonn. Inkluż fis-somma hemm ukoll dawk il-flus li ġew miġbura minn diversi attivatijiet oħra li ġew organizzati tul is-sena minn diversi membri tal-Korp.

Ma' din is-somma ġiet preżentata ukoll somma oħra ta' €1,692 li ġew miġbura minn CD ta' mużika mħejjija mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija fuq talba li għamlet il-kumpanija *Studio Seven* bil-għan li jinġabru aktar flus għall-*Community Chest Fund.*







# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija




L-Orizzont -It-Tlieta 8 ta' Novembru 2011-Pg12

# Mid-Djarju tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija

mill-Ispettur Anzjan Anthony Cassar - Surmast tal-Banda
Ritratti: Stephen Busuttil u Sezzjoni tal-Fotografija

Għaddiet sena ta' ħidma, ta' preparamenti u avvenimenti mifruxa matul is-sena kollha. Hemm preparamenti li jidhru u oħrajn li jsiru qabel l-avveniment propju li għalkemm ma jidhrux, huma ta' importanza kbira.

F'dan ir-rigward irrid dejjem nirringrazzja lill-*back stage crew* tal-Banda mmexxi minn PC 286 Thomas Attard li tant jaħdmu sabiex kull avveniment li jkollna jirnexxi perfettament.

Ninsab sodisfatt ukoll li l-Banda qiegħda timxi 'l quddiem u qed tippresta wkoll ruħha tant tajjeb. Dan ma nosservaħx biss jien, iżda jidher ukoll mill-kummenti favorevoli minn diversi nies, speċjalment dawk intiżi fil-mużika. Dan minkejja l-fatt li dejjem jonqsu xi membri mill-Banda minħabba diversi raġunijiet fosthom l-irtirar mis-servizz. Dan l-aħħar kellna s-Surġent Maġġur 1212 Charles Zerafa, li nieħu din l-opportunita` sabiex insellimlu u nirringrazzjah tas-servizz li ta lill-Banda.

Hemm ukoll membri oħra li m'għadhomx fil-Banda minħabba li ħadu promozzjoni bħal ma seħħ din is-sena meta s-Surġenti 633 Frankie Sammut u 1577 Silvio Magro ġew promossi għar-rank ta' Spettur. Ma' dawn irrid ukoll inżid Spetturi oħra li wkoll kienu membri tal-Banda tal-Korp, fosthom l-Ispetturi Anthony Cachia, Johann Fenech, Stephen Mallia u Maurice Curmi u żgur mhux l-inqas lis-Sur Sandro Camilleri, li llum qiegħed jgħinni nieħu ħsieb il-Banda minħabba li għamilt żmien indispost. Nieħu wkoll din l-opportunita` sabiex minn qalbi nawguralhom ilkoll.

Flimkien mal-Maġġur Charles Zerafa, ġew promossi wkoll diversi Surġenti Maġġuri bħal Maġġuri Brian Scicluna, Noel Scicluna, John Cassar u l-ex-Maġġuri Joe Abdilla u Martin Cordina. Kienu biss il-Maġġuri Brian Scicluna u John Cassar, li baqgħu jagħtu sehemhom fil-Banda sa 'llum il-ġurnata u għaldaqstant nistgħu ngħidu li sfortunatament tlifna ħafna mużiċisti ta' valur.

Din is-sena nistgħu ngħidu li kellna sena mpenjattiva mhux ħażin. Tista' tgħid li kull avveniment tal-Banda ma jkunx bħall-ieħor u għaldaqstant, bilfors li trid tagħmel preparamenti differenti.

Din is-sena l-Banda bdiet b'kunċert vokali u strumentali fi Pjazza Indipendenza, ir-Rabat Għawdex fuq stedina mill-Ministeru għal Għawdex. Dan il-kunċert sar nhar il-31 ta' Marzu 2011 għall-okkazjoni tat-32 anniversarju minn Jum il-Ħelsin u ilu jsir għal dawn l-aħħar sbatax-il sena taħt id-direzzjoni tiegħi.




Kien kunċert tassew tajjeb u varjat li ġie milqugħ ħafna u kien hemm kliem ta' tifħir kemm mill-uffiċjali tal-Ministeru kif ukoll minn numru kbir ta' Maltin u barranin li dakinhar filgħodu mlew il-Pjazza. Mal-Banda pparteċipaw ukoll il-*Pipe Band* kif ukoll il-kantanti Roger Tirazona, Neville Refalo u Dorothy Bezzina.

Nhar l-14 ta' April, il-Banda tal-Korp ġiet mistiedna mill-Malta Tourism Authority (MTA) sabiex għal darb'oħra tieħu sehem fil-kommemorazzjoni tal-għoti tal-*George Cross* fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta.

Fil-11 ta' Mejju, bdiet il-*40th Interpol European Regional Conference* li saret fl-lukanda ewlenija. Il-laqgħa nfetħet bil-parteċipazzjoni tal-Banda li daqqet għall-ewwel darba l-Innu tal-Interpol.

Rappreżentanza minn kull sezzjoni tal-Banda daqqet bħala banda żgħira dak in-nhar stess filgħaxija għall-ewwel darba f'Dar il-Mediterran sabiex jikkumplimenta l-*Gala Dinner* li ġie organizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Flimkien mal-Banda tal-Pulizija, fuq inizzjattiva tal-istess Kummissarju, pparteċipaw ukoll Thea Garrett, Lawrence Gray, Dorothy Bezzina, Neville Refalo u Roger Tirazona.

Bejn is-siltiet tassew sbieħ li daqqew il-membri tal-Banda kellna wkoll wirja mill-grupp folkloristiku Malti *Paul Curmi Dancers,* li taw xejra Maltija lis-serata. L-għada, dawn l-uffiċjali ġew milqugħa wkoll fil-bitħa tas-CID fejn flimkien mal-ogħla uffiċjali tal-Korp assistew għall-kunċert qasir u wara, fl-*Officers Mess* fejn imbagħad ħa sehem il-*Police Musical Group* flimkien mal-grupp folkloristiku *The Green Fields.*

Fis-*Sette Giugno,* kien imiss ovvjament li l-Banda terġa` tipparteċipa fl-okkazzjoni ta' din il-kommemorazzjoni. Il-

Banda għamlet parata stil militari minn quddiem il-Palazz tal-President sal-Ġnien ta' Hastings fejn sar progamm mużikali. Saret ukoll ċerimonja kommemorattiva quddiem il-monument tas-*Sette Giugno* fil-preżenza tal-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż.



Nhar il-21 ta' Ġunju, il-Banda tal-Korp ġiet mistiedna mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u mill-MTA sabiex għall-ewwel darba tagħti kunċert, vokali u strumentali fi Triq il-Merkanti, il-Belt, fejn flimkien mal-Banda pparteċipaw ukoll il-kantanti Thea Garrett, Neville Refalo, Dorothy Bezzina u Tiziana Calleja.

Il-membri tal-Banda spikkaw ħafna aktar mis-soltu fil-kapaċita` tagħhom fejn għall-ewwel darba, bl-għajnuna ta' PC 75 Kevin Saliba, il-Banda ġiet amplifikata u hekk wieħed seta` japprezza aktar il-kwalita` tal-interpretazzjoni tal-mużiċisti tagħna. PC 75 huwa bniedem kapaċi fis-*sound* li identifikajtu minn meta kien għadu rekluta. Jassisti lil Kevin għandna wkoll lill PC 345 Mark Cremona li jgħinu kemm bis-*sound* kif ukoll bid-dwal. Tħossok kburi meta tara kollox jitmexxa mill-membri tal-Korp filwaqt li sserraħ moħħok li għandek idejn tajba li se jmexxu kollox sewwa.

Tħossok kburi ukoll meta l-Banda tal-Korp tkun oriġinali u toħroġ dejjem b'ideat ġodda, li wara dawn l-istess innovazzjonijiet jiġu wkoll applikati minn baned oħra. Kien kunċert ieħor stupend li ġie mfaħħar ħafna mill-MTA u milqugħ mill-pubbliku numeruż li f'dik l-għodwa nġabru fi Triq il-Merkanti fl-okkazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-*Fête de la Musique* – Festa Mużika, avveniment li jsir ukoll f'diversi pajjiżi madwar id-dinja.

Kien imiss preparamenti għall-kommemorazzjoni tal-197 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.

Fl-4 ta' Lulju, il-Banda flimkien mal-*Precision Drill Team* għamlet parata fil-Belt Valletta fejn wara esegwiet kunċert bil-parteċipazzjoni ta' Thea Garrett, Dorothy Bezzina u Ludwig Galea. Dan kien l-ewwel impenn tal-Banda għall-*Police Week* ta' din is-sena. Il-programm ġie dderiġut mill-Ispettur Sandro Camilleri fl-assenza tiegħi.

Nhar it-8 ta' Lulju, il-Banda tal-Pulizija għamlet marċ flimkien mal-*Precision Drill Team* u wara sar kunċert mużikali f'Marsaskala. Dan il-kunċert ġie segwit minn numru konsiderevoli ta' spettaturi, hekk kif iseħħ kull sena.

Nhar id-9 u l-10 ta' Lulju, il-Banda ħadet sehem ukoll fl-*Open Day* li saret fil-Kwartieri Ġenerali, filwaqt li l-Ħadd filgħaxija, il-Banda tal-Korp daqqet ukoll f'Buġibba taħt id-direzzjoni tiegħi. Hawnhekk il-Banda għamlet kunċert vokali u strumentali kbir. Għal din l-okkazjoni l-Banda kienet ukoll amplifikata u s-serata ta' dik il-lejla ġiet imsebbħa *b'revolving lights, smoke u big screen* bil-filmati ta' kull silta mużikali li ndaqqet. Kull membru tal-Banda ħassu kburi għax dak in-nhar il-Pjazza u t-toroq tal-madwar kienu litteralment ippakkjati bin-nies li damu hemm sal-aħħar tal-kunċert isegwu l-ispettaklu.

Flimkien mal-Banda pparteċipaw il-kantanti Thea Garrett, Lawrence Gray, Dorothy Bezzina u Tiziana Calleja. Ipparteċipa wkoll il-vjolinist Mario Ciantar li flimkien mal-Banda nterpreta s-siltiet *Sway, Czardas u Fiddler on the Roof.*

Il-kunċert spiċċa mbagħad bi *gran finale* fejn għall-ewwel darba kellna s-sehem tal-*Wintermoods u Tenishia* - li flimkien mal-Banda ġew milqugħa mill-folla kbira li kien hemm preżenti f'Buġibba dak in-nhar – l-akbar folla li qatt kien hemm tul dawn l-aħħar tmintax –il sena. Mhux xi ħaġa komuni li gruppi bħal dawn jingħaqdu ma' Banda bħal tagħna u għaldaqstant kienet xi ħaġa oħra innovattiva .

Nieħdu gost naraw uffiċjali u membri tal-Korp isegwu spettakli bħal dawn, li mhux faċli ttellagħhom fi żmien daqstant qasir. Għaldaqstant ħadna gost naraw fuq il-*VIP seats* lill-Assistent Kummissarju Michael Cassar, lis-Supretendent Dr Mario Spiteri u lis-Supretendent Simon Galea filwaqt li nittamaw li fil-futur ikollna aktar li jagħtu r-rikonoxximent tagħhom billi jattendu għal dawn l-attivitajiet.

Fil-ħarġa tal-magażin ta' Settembru li għadda rajna fuq il-faċċata t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Akkademja tal-Pulizija - Akkademja ġdida li qiegħda tinbena f'Ta' Kandja. Għal din iċ-ċerimonja attendew l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern akkumpanjati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Din iċ-ċerimonja saret nhar il-11 ta' Lulju bil-parteċipazzjoni tal-Banda li tat il-bidu għall-Akkademja ġdida li fi kliem il-Kummissarju stess mistennija tkun ċentru modern fejn il-Pulizija ser igawdu minn tagħlim komplet u taħriġ professjonali.

F'Jum il-Pulizija, il-Gwardja tal-Unur, li għall-ewwel darba fl-istorja kienet immexxija minn mara - is-Supretendent

Alexandra Mamo - kienet akkumpanjata mill-Banda tal-Korp taħt it-tmexxija tiegħi. Din immarċjat minn Bieb il-Belt sa quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fejn ingħataw it-tislima l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta.

Nhar l-14 ta' Lulju, imbagħad il-Banda għalqet dawn il-kommemorazzjonijiet b'marċ u kunċert vokali u strumentali f'Marsalforn, Għawdex.

Fit-12 ta' Settembru, il-Banda akkumpanjat iċ-ċerimonja tar-rekluti l-ġodda fl-Akkademja tal-Pulizija. Dakinhar il-Korp żdid b'numru konsiderevoli ta' Pulizija ġodda sabiex ikompli jsir aktar infurzar tal-liġi adekwat f'pajjiżna.

Nhar l-1 t' Ottubru, imbagħad il-Banda reġgħet għal darb'oħra ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem f'edizzjoni oħra tan-*Notte Bianca* b'parata fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta u wara kunċert vokali u strumentali quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann. F'dan il-programm il-Banda daqqet aktar mużika ġdida u moderna għaliex il-***policy*** tagħna hija li dejjem naraw li nkomplu nkabbru r-ripertorju tal-Banda sabiex nolqtu l-gosti tal-udjenza tagħna. Mal-Banda pparteċipat il-kantanta Thea Garrett.

Nhar it-8 u 9 ta' Ottubru, il-Banda tal-Korp reġgħet ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem għal darb'oħra fl-MFCC f'Ta' Qali fit-tmien edizzjoni tal-*Malta Military Tattoo.* Għalkemm bħas-soltu jkollna ftit li xejn żmien għat-taħriġ minħabba l-esiġenzi tas-servizz, erġajna għal darb'oħra ħriġna bl-unuri. Għalkemm kont indispost ilħaqt lestejt il-programm kollu li kelli f'moħħi għal din is-sena u anke lħaqt għal darb'oħra ġibt aktar mużika ġdida mingħand ditta Belġjana.

Minkejja n-nuqqas ta' ħin għall-provi, il-Banda bħas-soltu laħqet lestiet il-programm tagħha kollu fil-ħin sabiex tat wirja tajba u pjaċevoli. Flimkien mal-Banda, din is-sena bil-permess ġentili tal-Kummissarju tal-Pulizija ngħaqdu magħna *team* mill-*Ispecial Assignments Group* taħt it-tmexxija tas-Supretendent Marco Mallia u ieħor mit-Taqsima tat-Traffiku taħt it-tmexxija tas-Supretendent Martin Bayliss, li komplew isebbħu l-programm tal-Banda. Kellna magħna wkoll bħala mistidnien speċjali lit-tenur Joseph Aquilina, li wara s-serata tal-Ħadd baqa' sejjer dritt f'Perth, l-Awstralja fejn mar sabiex jagħmel *tour* biex jirrapreżenta lill-pajjiżna. Kellna wkoll lill-kantant Ludwig Galea li issa ilu għal zmien twil jieħu sehem mal-Banda.

Minħabba li ma stajtx immexxi l-avveniment personali bħas-soltu minħabba li kont indispost, irnexxieli għall-ewwel darba fi tmintax-il sena nkun *back stage* flimkien mal-*back stage crew* tal-Korp u kelli l-opportunita` ngawdi l-Banda mill-*punto di vista* tal-udjenza. Għall-anqas stajt nissaportja l-Banda bħal m'għamlet l-udjenza kbira li kien hemm. F'dawn iż-żewg avvenimenti l-Banda tmexxiet mill-Ispettur Sandro Camilleri fl-assenza tiegħi, li kien dejjem ta' għajnuna għalija.

Sodisfatti ħafna li bħal ma ġara matul dawn l-aħħar snin, kellna jsegwu l-Banda u lill-*Precision Drill Team* fil-*Military Tattoo* 2011 lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, lid-Deputat Kummissarju, is-Sur Joseph Cachia u l-Assistent Kummissarju Dr Antoine Casha flimkien ma' diversi uffiċjali oħra.

Nhar is-26 ta' Ottubru, il-Banda daqqet ukoll fil-Kumpless tal-SAG f'Ta' Kandja fejn kien hemm imħejji programm ieħor mill-Korp għall-okkazjoni taż-żjara mill-*Warsaw Metropolitan Police.*



Okkazjoni sabiħa oħra għall-Banda tal-Korp kienet meta għall-ewwel darba ġejna mistidnien mis-Sur Frederick Attard tal-*iStudio Seven* sabiex il-Banda tagħmel *recording ta' compact disc* b'diversi siltiet ta' mużika pop sabiex tolqot lill-ġenerazzjoni żagħżugħa.

L-għan li għalih saret din il-*compact disc* kien sabiex id-dħul kollu minnha jingħata lill-President ta' Malta mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-Istrina 2011. Filfatt, wara l-approvazzjoni tal-Kummissarju, aħna bdejna mill-ewwel sabiex nagħmlu l-preparamenti meħtieġa biex fi ftit tal-jiem intellgħu tnax-il silta mużikali pop. Diversi siltiet mużikali ġodda reġgħu nġiebu minna mill-Belġju sabiex jintużaw f'din it-tielet ***cd*** li l-Banda rnexxielha tagħmel mill-2002 'l hawn.

Id-diriġenti tal-*iStudio Seven* kienu ta' għajnuna kbira għall-Banda fejn flimkien irnexxielna nagħmlu din il-*compact disc* b'differenza`, kif iddeskriviha sid *l-istudios,* is-Sur Jo De Bono. Minn hawn nixtieq ngħid lis-Sur De Bono u lill-istaff kollu tiegħu prosit tas-serjeta` u l-professjonalita`. Din għalina kienet esperjenza imprezzabbli.

Fid-dawl ta' dan il-ġest sabiħ mill-Korp tal-Pulizija u *l-iStudio Seven* fit-28 ta' Novembru 2011, il-President ta' Malta, Dr George Abela stieden lill-Banda u d-diriġenti ta' dan l-***istudio*** għal żjara ta' kortesija fil-Palazz ta' San Anton, fejn l-Eċċellenza Tiegħu għoġbu jieħu ritratt magħna tal-okkazjoni. Dr Abela stqarr li tant kien qed japprezza dan il-ġest nobbli li laqagħna lkoll propju fil-post fejn jgħix huwa stess.

Ta' dan aħna f'isem il-Kummissarju u l-Korp tal-Pulizija, nirringrazzjawh mill-qalb. L-aħħar avvenimenti tagħna għas-sena 2011 kienu propjament dawk konnessi mal-Festi tal-Milied, fil-Belt Valletta.

Nhar il-20 ta' Diċembru, dħalna l-Belt b'parata militari f'*Massed Bands* mal-Banda tal-Forzi Armati fejn wara għamilna *display* u programm ta' siltiet mużikali b' konnessjoni ma' dawn iż-żminijiet tas-sena fi Pjazza San Ġorġ. Nhar it-23 u l-24 ta' Diċembru, il-Banda tal-Korp tellgħet is-solitu kunċert tal-Milied f'Misraħ San Ġwann u fi Pjazza l-Assedju l-Kbir rispettivament, wara parata militari fi Triq ir-Repubblika. Dan il-kunċert sar sinonimu man-numru kbir ta' nies li jattendu għalih ta' kull sena u li issa sar attivita` kalendarja.

Fis-26 ta' Diċembru, il-Kummissarju tal-Pulizija ppreżenta s-somma ta' €3,300 miġbura mill-membri tal-Korp għall-Istrina b'risq il-*Community Chest Fund.*

Ma' dan l-ammont, il-Kummissarju flimkien mas-Sur Jo De Bono ta' *Studio Seven,* preżenta wkoll lill-President ta' Malta somma oħra ta' €1,692. Din ġiet miġbura fi żmien ġimgħa biss mill-bejgħ tas-CD tal-Banda tal-Pulizija. Filfatt bħalissa, għadhom qed jinbiegħu aktar minn dawn is-CDs mill-Mużew tal-Pulizija, minn *Kitchen Garden* fil-Palazz tal-President, f'San Anton, kif ukoll minn *Studio Seven.*

Wara dawn l-attivitajiet kollha, kien xieraq imbagħad li l-membri tal-Banda jingħaqdu flimkien sabiex jiċċelebraw tmiem jew bidu ta' sena oħra t'attivitajiet billi organizzaw bejniethom *Festive Staff Lunch* f'lukanda ewlenija. Ġew mistiedna l-ogħla awtoritajiet tal-Korp bħala ġest t'apprezzament u rikonoxximent għall-attenzjoni li jagħtu lill-Banda matul is-sena.

Minn qalbi rrid nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija għal kull għajnuna u assistenza li jagħti lill-Banda. Fuq kollox irrid ukoll ngħid prosit mill-qalb kif ukoll nirringrazzja lil kull membru tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma u d-dedikazzjoni tiegħu matul is-sena li għadha kif għaddiet.

Domine Dirige Nos

# 10 snin anniversarju Kummissarju tal-Pulizija

Nhar it-18 ta' Jannar li għadda, 2012 il-membri tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija stiednu lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo fis-sala li l-banda għandha fl-Akkademja tal-Pulizija. Dan sar għall-okkazzjoni t'għeluq l-għaxar snin anniversarju minn meta huwa ġie mgħoddi f'idejh it-tmun tal-Korp, fl-2001. Kien ta' sodisfazzjon u apprezzament għall-membri kollha tal-banda li s-Sur Rizzo sab il-ħin sabiex jilqa' din l-istedina.



Dan l-anniversarju ħabat ukoll m'avveniment ieħor importanti għall-banda tagħna, għaliex inzerta li kien fl-istess żmien li l-banda tal-Korp irrekordjat CD oħra. Filfatt din hija t-tielet CD ta' mużika mir-repertorju li l-banda bniet matul dawn l-aħħar tmintax-il sena. Kif jafu dawk li għandhom għal qalbhom il-baned Maltin, is-soċjetajiet mużikali f'pajjiżna, kważi ta' kull sena jirrekordjaw CDs ta' marċi lokali, madankollu mhux normali li jiġu rekordjati siltiet mużikali.

Għaldaqstant nistgħu ngħidu li hija eċċezzjoni li l-banda tal-Korp irnexxielha tagħmel din is-sensiela ta' tlett CDs, liema CDs saru kollha kemm huma bl-inizzjattiva u bil-permess ġentili tal-Kummissarju.



F'din l-okkazzjoni s-Sur Rizzo mhux biss ġiet regalata lilu kopja ta' din l-aħħar CD recording, iżda ġie wkoll ippreżentat mill-membri tal-banda b'memento sinjifikattiv, li jirraprezenta dawn iż-żewġ okkazzjonijiet flimkien - l-għaxar Anniversarju minn meta hu ġie maħtur bħala Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-okkazzjoni tal-launching tat-tielet CD.

Irrid inżid ukoll li l-kelmtejn li għamel il-Kummissarju f'din l-okkazzjoni, kienu ferm ta' ġid sabiex tiġi msaħħa aktar il-banda tal-Pulizija b'diversi mezzi, kif ukoll ta' nkoraġġiment lill-membri tal-banda u ta' rikonoxximent għall-ħidma tagħhom sabiex iżommu fil-għoli r-relazzjonijiet pubbliċi tal-Korp.

Għal din il-kommemorazzjoni attendew ukoll mas-Sur Rizzo, l-Assistent Kummissarju, is-Sur Lawrence Cauchi kif ukoll il-Kmandant tal-Akkademja, is-Sur Ronald Kelly.

anthony.c.cassar@gov.mt

# 112: in-numru ta' emerġenza madwar l-Ewropa

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Il-ġurnata tal-11 ta' Frar 2012, madwar l-Ewropa kienet iddedikata għan-numru tal-Emerġenza 112. Dan in-numru jintuża f'każ ta' emerġenza f'kull pajjiż tal-Ewropa. Jista` jiġi wżat kemm minn numri fissi kif ukoll minn fuq *mobile*, u huwa bla ħlas.

Għal dan il-għan, Malta, eżattament il-Korp tal-Pulizija, tella' konferenza stampa fejn il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo kif ukoll il-Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari, indirizzaw lill-ġurnalisti sabiex flimkien nippruvaw inwasslu messaġġ lill-poplu fuq l-importanza ta' dan in-numru. Matul din il-konferenza, li saret ġewwa l-*Control Room* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ġiet imqassma statistika fejn wieħed seta' jieħu idea ċara ta' kemm jidħlu telefonati fuq in-numru tal-emerġenza. Din l-istatistika wriet ukoll li jkun hemm anki min jabbuża minn dan is-servizz u jċempel in-numru tal-emerġenza għalxejn. Il-Kummissarju qal li l-Pulizija għamlet sforz sabiex dan is-servizz isir aktar effiċjenti, speċjalment f'dawk li huma tweġibiet tat-telefonati. Mistenni wkoll li fil-futur jiġi installat *software* ġdid u aktar effiċjenti. Is-Sur Rizzo spjega wkoll kif il-Pulizija tippromwovi kemm tista' l-użu tajjeb tan-numru 112, u dan tagħmlu meta tattendi għal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll meta tkun mistiedna sabiex tagħti *talks* fl-iskejjel.



Min-naħa tiegħu, il-Ministru tenna' li tul dawn l-aħħar tliet snin sar avvanz kbir, speċjalment fil-ħin li jiġu mwieġba t-telefonati. Għalkemm hawnhekk wieħed irid jifhem id-diffikultajiet ukoll, imma llum il-ġurnata dan is-servizz ġie mgħammar b'mekkaniżmu sabiex l-abbuż jiġi identifikat. L-informazzjoni fuq dan is-servizz kibret anki mertu tal-media. Sa llum issib kważi f'kull gazzetta rokna sabiex in-nies jiftakru l-importanza li jużaw in-numru 112 tajjeb. Il-Ministru għalaq id-diskors fejn faħħar lill-Korp tat-titjib li sar fuq din il-linja.




Għal din l-okkazjoni tħejja materjal informattiv li mistenni jiġi mqassam lill-pubbliku u dan sabiex wieħed jifhem sew in-neċessita` u l-importanza li juża` dan in-numru 112 għall-emerġenza biss. L-appell li l-Pulizija tixtieq twassal huwa li l-pubbliku jikkopera kemm jista' jkun magħha ħalli l-abbużi jitnaqqsu.



charlene.camilleri@gov.mt

# Kwadri ex-voto

minn WPS 129 Marlene Falzon – Mużew tal-Pulizija






Wasalna f'rokna oħra ta' storja u kultura fejn f'din il-ħarġa ser niskopru dwar kwadri ex-Voto li huma kwadri reliġjużi mxerrdin mhux f'Malta u Għawdex biss, imma anke f'pajjiżi oħra tal-Mediterran bħal Spanja, Franza, l-Italja u f'pajjiżi oħra nsara saħansitra anki ġewwa l-Messiku. Minn dawn il-kwadri ex-voto ta' pajjiżna niskopru l-perjodu ta' meta l-bniedem kien juri l-fehma tiegħu fejn kienet tidħol ir-reliġjon u l-fidi.

Il-kelma ex-voto hija propja kelma Latina li tfisser wegħda. L-ex-voto huma xhieda tad-devozzjoni li kienu jgawdu bosta santwarji, kif ukoll tal-għadd ta' grazzji li nqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna.

L-użu ta' dawn l-ex-voto imorru lura minn żmien il-preistorja u nafu b'dan, permezz ta' numru ta' skavi li saru ġewwa siti preistoriċi. Madankollu l-użu ta' dawn l-offerti nbidlu minn superstizzjonijet primittivi għal twemmin aktar reliġjuż, kif nistgħu naraw illum il-ġurnata ġewwa bosta knejjes u kappelli. Dawn kienu jsiru bħala ringrazzjament lil Alla, lil Madonna jew lil xi Qaddis ta' xi wegħda li tkun ġiet maqlugħa. Ħafna minn dawn il-kwadri juru nies li jkunu għaddew minn xi mard, inċidenti, ħlas tajjeb jew nies li jkunu nqabdu waqt xi tempesta fuq il-baħar.

Fis-sekli 17 u 18 naraw li din id-devozzjoni lejn dawn l-ex-voto żdiedet bi kbir u llum tara eluf ta' wegħdi ġewwa kappelli u knejjes. Kwadru magħmul permezz ta' wegħda jkun jingħaraf sew billi wieħed josserva fuqu ittri kbar. Fuq dawn il-kwadri dejjem nsibu l-ittri VFGA Votum Fecit Gratiam Accepit voldieri "għamilt wegħda u qlajt grazzja". Barra minn hekk għandek issib fuq in-naħa ta' fuq tal-kwadru ikona tal-Madonna jew ta' xi xbiha oħra qaddisa, imbagħad isfel, wieħed isib skrizzjoni biex tiddeskrivi l-ġrajja fil-qosor. Għalkemm dawn m'għandhom l-ebda valur artistiku, hemm oħrajn li tpittru minn artisti rikkonoxxuti. L-artist li kien għamel dawn it-tip ta' kwadri nsejħulu "Madonnaru" u bosta xogħolijiet ex-voto saru fuq it-tila u tavlozzi tal-injam eċċ.

Ma nistawx ninsew li ħafna minn dawn il-kwadri kienu fqar u kellhom arti sempliċi, u dan minħabba li min kien jagħmel il-wegħda ma jkunx jista' jħallas ħafna biex il-kwadru jkun l-aħjar wieħed. Nistgħu naraw diversi oġġetti mogħtijin bħala wegħda bħal m'huma xi biċċiet ta' qlugħ, ritratti, biċċiet tal-gazzetti fejn jissemmew xi aċċidenti fatali, xi krozzi ta' persuna b'xi diżabilita', deheb, ktajjen, manetti tal-ilsiera u ħafna affarijiet oħra. Dawn wieħed jista' jarahom ġewwa s-Santwarji ta' Ħaz-Zabbar, Birkirkara u l-Mellieħa. Oħrajn żgħar tarahom fil-Qrendi, f'Wied il-Għajn, l-Isla, f'tal-Ħlas, f'Ħal Qormi u f'Ta' Pinu.

Id-donaturi kienu jkunu nies li kienu jaqalgħu l-wegħda u llum nistgħu naraw ukoll l-iskrizzjoni tagħhom fil-kwadri. Insibu wkoll dati tal-ġrajjiet u rqaqat oħra importanti bħal xi bini storiku, xi kamra tas-sodda, baħar, torri u tal-epoka.

L-aktar li nsibu hawn Malta huma ex–voto marittimi. Hu bis-saħħa ta' dawn il-kwadri marittimi li bosta riċerka saret fuq ċertu dettalji tal-bastimenti, għax wieħed ikun jista` jara' d-data ta' meta sar il-kwadru u d-dettal tal-bastimenti jew galeri li kienu jużaw il-Kavallieri ta' San Ġwann.

Snin ilu dawn il-kwadri ma kienux jibżgħu għalihom, anzi kull meta wieħed kien iħares lejhom, kienu jagħtu impressjoni ta'



L-ex-voto tal-Pulizija Marittima li nsibu ġewwa s-Santwarju tal-Mellieħa u l-Mużew tal-Pulizija.

traskuraġni kbira għax ħadd ma kien jimpurtah minnhom u ħadd ma kien joħroġ flus biex jiġu rrestawrati. Nistgħu nżidu wkoll li peress li għadda ħafna żmien minn fuqhom, illum il-ġurnata tarprezzahom aktar, għax dawn jirrappreżentaw ringrazzjament u devozzjoni li llum il-ġurnata ma naħsibx li għadna nsibu min joffri xi kapolavur bħal dawn il-pitturi. Illum saru wkoll parti mill-ħajja kulturali ta' pajjiżna.

Hawnhekk ha nsemmi ex-voto, u xieraq li nsemmieh, peress li għandu x'jaqsam propju mal-Pulizija ta' Malta.

Fis-Santwarju tal-Mellieha, kif ukoll fil-Mużew tal-Pulizija, insibu wieħed minn dawn l-ex-voto partikulari li juri inċident li kien ġara fl-4 ta' Ġunju 1895 meta membru tat-Taqsima Marittima, waqt li kien qiegħed inaddaf l-arma tax-xogħol, din aċċidentalment ħaditlu u laqat lis-Surġent Gioachino Depasquale ġewwa l-Għassa f'Marsamaxetto waqt li dan kien qiegħed jikteb l-okkorrenzi tal-ġurnata.

Xi ġranet wara, s-Surġent beda jfieq bil-mod wara li kien talab lill-Madonna, u llum għadna nistgħu naraw din il-pittura bħala ringrazzjament tal-fejqan.

Qabel ma naslu għat-tmiem ta' dan l-artiklu, nixtieq inżid li dawn il-kwadri jaffaxinaw lill-bosta nies u riċerkaturi għax fihom seher partikulari u għandek x'tifli, inklużi xi elementi li ma tkunx indunajt bihom qabel. Meta toqgħod taħseb ftit dwar dawn il-kwadri, għandek tinduna li għandhom valur imprezzabli, għax illum dawn naqsu u minflok pitturi għadek tara wegħdi oħra ippreżentati f'ċerti Santwarji tal-gżejjer Maltin.

marlene.falzon@gov.mt

Advert

# Farewell fil-Kappella tas-Sorijiet Agostinjani

mis-Surgent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali



Minn żmien għall-ieħor kull darba ngħaddu minn dik l-esperjenza li bħal maż-żmien jiġi u jgħaddi fuq kollox u għal kulħadd, hekk ukoll jgħaddi biex itemm perjodu twil mhux ħażin ta' snin li wieħed ikun ta bħala servizz lejn pajjiżu. Nhar it-22 ta' Diċembru 2011, kienet l-aħħar ġurnata li PC 237 Ġanni Camilleri deher liebes l-uniformi ta' Pulizija li kien ilu jilbes għal dawn l-aħħar kwazi 40 sena. Mhux qed nikteb dan l-artiklu minħabba li xi ħadd beda u temm servizz hekk twil fil-Pulizija; għax dawn kienu ħafna ! Iżda għal mod ta' kif ġiet l-idea li propju fl-aħħar ġurnata tiegħu, temm din il-ħidma b'quddiesa privata ta' radd il-ħajr, għand is-Sorijiet Agostinjani, li jinsabu biswit l-Għassa ta' Ħal Qormi – il-post fejn il-Kuntistabbli Camilleri serva matul dawn is-snin kollha, għajr għal xi perjodu ċkejken.

Il-Quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Patri Raymond Bonnici OFM Cap., fejn fl-omelija għall-okkazzjoni fisser b'mod verament sabiħ kif Alla dejjem hemm preżenti magħna u jgħinna fid-diffikultajiet li jinqalgħu minn mument għall-ieħor, ilkoll ħafna drabi b'kaġun tal-istess natura tax-xogħol.

Temm din ir-riflessjoni lil dawk preżenti, kollegi, ħbieb u sorijiet mill-istess komunita` fejn saret il-quddiesa b'tennija li għandna nqisu dan il-mument bħala mument speċjali, ta' grazzja mogħtija lilu għall-fatt li għalaq dan il-kapitlu fil-milja tiegħu, b'sodisfazzjon.

Nawguraw lil dan il-kollega tagħna, kif ukoll lil dawk kollha li kellhom ix-xorti jservu u jagħtu servizz hekk twil u sabiħ lil pajjiżna. Qabel xejn ngħid prosit ukoll lis-Surġent Jean Pierre Mifsud għall-idea u l-inizzjattiva li ħa għal din l-okkażżjoni.

joseph.q.borg@gov.mt

Advert

# Sewqan taħt l-influwenza tax-xorb

mis-Supretendent Dr Dominic Micallef LLD – Uffiċċju Legali

Ir-reat li persuna ma jistax isuq vettura bil-mutur meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb (jew drogi) insibuh fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku Kapitolu 65. L-Artiklu 15A(1) tal-Kapitlu 65 jiddisponi dan li ġej:-

"Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi."

Mela, skont dan l-artikolu, persuna li tkun fi stat li ma tistax issuq minħabba xorb jew droga, tkun qiegħda tagħmel reat jekk issuq xi vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq. Dan l-artikolu ma jipprovdi xejn li biex jiġi ppruvat hemm bżonn xi testijiet minn xi apparat partikolari. Filfatt dan ir-reat taħt dan l-artikolu jista' jiġi ppruvat minn xi xhieda okulari, kif ritenut fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza *Il-Pulizija vs Brenda Agius* datata 15 ta' Mejju 2008 tenniet hekk:-

*"Skond l-Artikolu 15A(1) tal-Kapitlu 65, ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' motor car jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. Issa biex tirriżulta din l-imputazzjoni ġie ritenut li mhux meħtieġ li jkun hemm xi riżultat ta' xi breathalyser test jew xi test tad-demm jew l-urina. Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Simon Ellul Sullivan" [14 ta' Diċembru 2005] ir-reat kontemplat f'din l-imputazzjoni jista' jirriżulta pruvat anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okulari li jkunu osservaw lil sewwieq fuq il-post fejn ikun ġie investigat. Biżżejjed li jirriżulta mill-osservazzjoni ta' xhieda preżenti li s-sewwieq ikun qed juri sinjali ta' xorb ta' alkoħol, bħal ma' huma sewqan inspjegabbilment erratiku jew spavald izzejjed, ir-riħa ta' xorb man-nifs, xengil jew nuqqas ta' koordinazzjoni tal-movimenti tal-ġisem tas-sewwieq meta joħroġ mill-vettura, tkarkir tal-kliem, eċċitament żejjed, u sinjali oħra komunement riskontrabbli f'persuna xurbana. (ara Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Duncan Galea" [30 ta'April 2003], "Il-Pulizija vs Paul Azzopardi" [4 ta' Awwisu 2006] u oħrajn). "*

Kif spjegat f'din is-sentenza, biex jiġi ppruvat ir-reat imsemmi x-xhieda ta' xhud okulari hija biżżejjed.



Għaldaqstant il-Pulizija li jinvestigaw ir-reat dwar persuna li saqet jew li qiegħda issuq vettura għandhom jieħdu nota u josservaw il-mod ta' sewqan tal-vettura, ir-riħa ta' xorb fil-karozza u fuq is-sewwieq, xi fliexken tal-alkoħol fil-vettura, il-mod ta' kif jitkellem is-sewwieq u n-nuqqas ta' koordinazzjoni u imġieba jew provi oħra li jindikaw lis-sewwieq kien fis-sakra. Huwa importanti li din l-informazzjoni kollha titniżżel bil-miktub b'mod ċar fl-affidavit tal-Pulizija.

Hawnhekk għadna kif rajna kif jista' jiġi ppruvat li persuna kienet jew ippruvat issuq vettura bil-mutur mingħajr l-użu tal-breathalyser jew teħid tal-urina jew demm. Madankollu l-Artikolu 15B(1) tal-Ordinanza jipprovdi li:

"Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt."

Sabiex jiġi ppruvat dan l-artiklu għandna bżonn it-test tal-*breathalyser* jew teħid ta' żewġ kampjuni tal-urina jew kampjun tad-demm. Huwa importanti li f'dawn ir-reati ma nressqux biss il-prova tat-test tal-breathalyser imma kif ukoll fix-xhieda tagħna kemm bil-mezz ta' affidavit jew bil-fomm nagħtu stampa ċara ta' provi oħrajn li jwassluna sabiex nippruvaw li s–sewwieq kien qiegħed isuq jew jipporva jsuq vettura taħt l-influwenza tax-xorb.

dominic.micallef@gov.mt

# SAG Gymnasium

mill-Ispettur Sandro Millo – SAG
Ritratti: PC 1344 Alex Azzopardi – SAG

Il-kumpless tal-Pulizija ġewwa Ta' Kandja limiti tas-Siġġiewi, li fi żmien il-gwerra kien il-bażi tal-RAF 840 Signals Unit, ilu jospita l-iskwadra tal-iSpecial Assignments Group sa mill-1987. Dan il-kumpless ilu meqjus bħala ċentru ta' taħriġ sa qabel din id-data fejn anke l-iskwadra preċedenti, dik tal-iSpecial Mobile Unit, kienet tagħmel taħriġ f'dan il-kumpless. Sa minn qabel twaqqfet l-Akkademja ġewwa Sant Iermu, it-taħriġ fiżiku kemm tal-uffiċjali kadetti u kemm tar-rekluti kien isir ġewwa dan il-kumpless.

Peress li l-kundizzjoni fiżika tal-membri tal-SAG kien rekwiżit ta' importanza, bdiet tinħass il-ħtieġa li jinxtara apparat biex jinfetaħ gymnasium mgħammar b'dak kollu possibli. Din l-opportunita` tfaċċat meta l-Malta Football Association iddeċidiet li tbiddel l-apparat kollu tal-gymnasium u tixtri apparat ġdid. Kien għalhekk li l-korp xtara dan l-apparat li kien jikkonsisti f'diversi magni tal-irfigħ tal-piż, barbell sets, piżijiet differenti, kif ukoll Olympic Weightlifting Barbell set. Dan l-apparat tpoġġa f'bini li qabel kien jintuża bħala l-Quatermaster's Store tar-Reġiment Ingliż. Dan kien jinsab ġewwa barriera li qiegħda ħdejn ix-shooting range tal-kumpless.

Il-bini rranġat u armat tal-gymnasium kien inawgurat nhar it-13 ta' Lulju 1988 mill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred Calleja. Din il-binja kienet imqassma fi tliet taqsimiet. Dawn kienu r-reception area li kellha uffiċċju aġġunt magħha, klinika, kif ukoll changing rooms u showers. Is-sala prinċipali kien fiha l-apparat kollu mixtri kif ukoll kamra armata b'tapiti għat-taħriġ ta' arti marzjali u punching bags.

Fuq barra ta' din il-binja kien hemm bitħa li fiha kien isir taħriġ fiżiku kif ukoll kienet tintuża bħala basketball court. Is-Supretendent ta' dak iż-żmien, is-Sur Charles Cassar, kien għażel numru ta' Pulizija biex imexxu dan il-gymnasium fosthom PC1209 Anthony Camilleri u PC174 George Abela li kienu żewġ persuni abbli ħafna peress li kienu jipprattikaw dan it-tip ta' taħriġ u kienu ta' esperjenza kbira. Biżżejjed wieħed isemmi li PC1209 Camilleri kien anke ipparteċipa darbtejn fil-finali tal-konkors internazzjonali Mr. World u ġab riżultati tajbin ħafna.





Barra dawn, bil-kollaborazzjoni tal-Missjoni Militari Taljana, tliet membri oħra tal-SAG attendew kors ta' tliet xhur bħala Physical Education Instructors ġewwa l-Italian Military School of Physical Education, f'Orvieto l-Italja. PC184 S Cacciatolo (illum Surġent), PC1010 E Vassallo u PC302 D Micallef (illum Supretendent il-Legal Office), kienu temmew b'suċċess dan il-kors fejn kisbu riżultati eċċellenti u għalhekk ġew assenjati bħala instructors fil-gym tal-SAG. Ma' dawn, PC1008 M Mallia (illum Supretendent tal-SAG), li bħala professjoni huwa kkwalifikat bħala infermier, kien magħżul biex jikkumplimenta l-grupp ta' instructors fil-gym għal kull eventwalita` li kien jinqala` waqt it-taħriġ differenti li kien isir.

Maż-żmien, il-post fejn kien hemm il-gym ma baqax adekwat biex jaqdi l-ħtiġijiet li dejjem kienu qed jiżdiedu u għalhekk kien deċiż li jinbena bini ġdid. Dan il-bini ġie nawgurat fis-17 ta' April 2002 mill-Ministru tal-Intern ta' dak iż-żmien. Minħabba

l-kobor tal-bini l-ġdid dan seta` jakkomoda l-apparat kollu ta' qabel f'kumdità kbira u b'aktar serħan il-moħħ għall-persuna li tkun qed tagħmel l-eżerċizzji. Fil-binja wieħed isib ukoll sezzjoni armata bil-judo mats u punching bags u anke l-ħitan ta' din il-kamra huma miksijin b'materjal apposta protettiv.



Fost apparat li żdied fil-gym insibu treadmill ġdida li tipprovdi diversi programmi differenti ta' fitness maħsuba fuq programmi internazzjonali tal-Pulizija, tal-militar u anki tas-servizzi tat-tifi tan-nar. Hemm ukoll apparat tal-bench press u squat machine, tliett power walkers kif ukoll shoulder press u biceps machines. Dan l-apparat addizzjonali kien importanti għax ħa post apparat ieħor li kellu bżonn jinbidel minħabba ż-żmien u x-xogħol li ra fuqu. Il-bini huwa mgħammar ukoll b'uffiċċju u anke showers/toilets kemm għall-irġiel u anke għan-nisa.

Il-gym ikun miftuħ kuljum bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-sebgħa ta' filgħaxija. Min jixtieq li fil-ħin liberu tiegħu jiġi jipprattika l-isport favorit jew jattendi sabiex iżomm ruħu fit u mhux midħla tal-gyms u jixtieq direzzjoni fuq taħriġ li jista' jagħmel, jista' iċempel Ta' Kandja u jistaqsi għal PS 184 Saviour Cacciatolo jew PC 720 Paul Bonnici.

alexander.millo@gov.mt

# Għotja ta' flus mill-membri tal-Korp tal-Pulizija

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

M'hiex xi ħaġa komuni li fl-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija naraw tifla ċkejkna. Din ma ġietx għal xi interrogazzjoni jew għal xi meeting iżda Celine Domenici kienet mistiedna speċjali. Nhar l-24 ta' Novembru 2011, Celine, li għad għandha biss sentejn, kienet preżenti flimkien mal-ġenituri tagħha fl-uffiċċju tal-Kummissarju sabiex tiġi ppreżentata b'cheque ta' €1,600 sabiex il-ġenituri tagħha, Jeffrey u Josianne Domenici, ikunu jistgħu jtaffgħu ftit mill-ispejjeż ta' pushchair speċjali li għandha bżonnu li jiswa' 'il fuq minn €4,000.



L-inizjattiva sabiex issir din il-ġabra ħadha PC 632 Michael Galdes, stazzjonat il-Main Gate, li wara li ngħata l-permess mill-Kummissarju, talab sabiex il-kollegi tiegħu jkunu ġenerużi u jgħinu lil min hu fil-bżonn.

Il-konjuġi Domenici spjegaw lill-Kummissarju s-sitwazzjoni li binthom tinsab fiha. Celine għaddejja minn diversi problemi ta' saħħa. Kontinwament Celine trid tagħmel diversi terapiji peress li ma tistax timxi. Il-kundizzjoni li għandha Celine tissejjaħ *scoliosis* u apparti minn hekk, hi ssofri wkoll minn *celebral hypoplasia* li taffetwa l-iżvilupp sħiħ tal-persuna.

Il-Kummissarju sostna li dak li għamel PC 632 Michael Galdes huwa ġest sabiħ ħafna u saħaq il-bżonn li Pulizija oħra jieħdu l-eżempju tiegħu u jieħdu inizjattivi simili li jpoġġu fil-prattika s-sens ta' soliderjata` u l-ispirtu uman tal-membri tal-Korp.

Kemm Jeffery u Josianne Domenici rringrazzjaw lill-Pulizija kollha kemm tax-xogħol li jagħmlu fil-komunita` kif ukoll tal-għajnuna li tawhom.

louise.b.camilleri@gov.mt

# *Team* B tal-Iskwadra Mobbli – Rebbieħ tal-*Annual Charity Football Tournament*

minn PC 931 Carmel Zarb – Skwadra Mobbli
ritratti PC 264 Kenneth Ciangura – Skwadra Mobbli

### Kif beda *Team* B tal-Iswadra Mobbli

*Team* B jaf il-bidu tiegħu fis-sena 2008 meta dak iż-żmien PC 794 Gilbert Lia u PC 845 Ian Vella (li llum il-ġurnata m'għadux jagħmel parti minn din l-iskwadra) ħarġu bil-ħsieb li jgħaqqdu *team* tal-futbol magħmul minn membri ta' *Shift* A tal-Iskwadra Mobbli, peress li ħafna minn dawn il-Pulizija nzertaw diletanti kbar tal-ballun.

Dan il-ħsieb intgħoġob ferm u dawn il-ħbieb kif ukoll kollegi bdew jiltaqgħu regolarment wara l-ħin tax-xogħol sabiex jittrenjaw bejnithom u bejn *teams* oħra minn diversi distretti tal-Pulizija, rekluti, kif ukoll ma' *teams* oħra magħmula minn ħbieb tagħhom li mhumiex membri tal-Korp tal-Pulizija, iżda huma dilettanti ta' dan l-isport.

Maż-żmien il-plejers ipperfezzjonaw ruħhom mhux ħażin sa ma' kulħadd sab postu. Il-pass li kien imiss kien dak li jinxtraw il-gerijiet u minn hawn 'il quddiem, it-*Team* ma ħares lura qatt.

Meta l-oġġett tagħmlu għal qalbek tagħmlu sew. U hekk ġara f'dan il-każ: il-kollegi ħbieb tagħna bdew iħossuhom aktar kunfidenti ma' kull rebħa li bdew jakkwistaw, logħba wara l-oħra. Dan kollu wassal għar-rebħ ta' dan l-unur prestiġjuż li huwa wkoll l-ewwel unur li qatt rebħet din l-iskwadra.

Apparti dan kollu, il-fatt li dawn il-kollegi jiltaqgħu ta' spiss wara l-ħin tax-xogħol fi spirtu sportiv u ta' ħbiberija jagħmilha xi ħaġa tajba ħafna għall-istess xogħol li jaħdmu fih. Huwa ta' importanza kbira li wieħed ma jkunx jaf lil sħabu fuq ix-xogħol biss, iżda fil-ħin liberu wkoll. Apparti dan, hemm ukoll l-aspett tal-eżerċizzju fiżiku li wieħed jibbenefika minn dan il-passatemp sabiħ.

### Ir-rebħa tal-*Annual Charity Football Tournament*

Dik li għal bidu dehret ħolma, issarfet f'realta` meta fl-20 ta' Diċembru 2011, *Team* B tal-Iskwadra Mobbli għollew it-trofew meta saru t-*team rebbieħ tal-Annual Charity Football Tournament* li sar ġewwa l-*ground* ta' Santa Luċija.





Dan it-*tournament* ġie organizzat mill-*Malta Police Sports Committee* (MPSE) bl-għan li jinġabru flus sabiex jingħataw lill-Istrina 2011. Fil-fatt kull team li ħa sehem f'dan it-tournament kellu jħallas is-somma ta' €60. B'kollox kien hemm 16-il team li ħadu sehem f'dan it-tournament biex b'hekk inġabret is-somma sabiħa ta' €960.

Dan it-*tournament* ġie maqsum fi tliet ġranet differenti: l-14, il-15 u l-20 ta' Diċembru 2011. *Team* B tal-Iskwadra Mobbli beda l-ewwel logħba tiegħu mat-*Team* tal-Imsida, fejn l-iscore kien dak ta' 3 – 1 favur *Team* B. Wara dan, *Team* B ħa rebħa faċli minn fuq it-*Team* tal-Ħamrun, peress li dawn tal-aħħar ma tfaċċawx għal-logħba. *Team* B b'hekk ħa *walkover* minn fuq din l-iskwadra. It-tielet partita kienet waħda *decider*, fejn din intlagħbet kontra team konġunt li kien dak ta' bejn is-CID u tal-ECU. *Team* B ħareġ rebbieħ bl-iscore ta' 2 – 0. Wara din il-partita *Team* B kien imissu jiltaqa` għas-semi finali mat-*Team* tal-Mosta fejn hawn naħseb li sabu l-iktar *Team* li seta` jikkompetilhom peress li l-iscore kien dak ta' 3 – 2 favur *Team* B.

Fl-aħħar, *Team* B iltaqa' mat-*Team tad-Drug Squad* għall-finali ta' dan it-*tournament* – il-logħba intrebħet faċilment ħafna peress li l-iscore aħħari kien jaqra 6 – 1 favur *Team* B. Fost il-ferħ tal-plejers, kif ukoll tagħna (Shift A), li nagħtuhom is-sapport kollu tagħna, it-team ġie ippreżentat bi trofew mid-Deputat Kummissarju, is-Sur Joseph Cachia.

Il-membri ta' dan it-*Team* rebbieħ huma: PS 1074 Luke Stivala (*Shift* A), PC 132 Clint Zammit (*Shift* B), PC 233 Adrian Chetcuti (*Shift* A), PC 265 Kenneth Ciangura (*Shift* A), PC 464 Karl Falzon (*Shift* A), PC 794 Gilbert Lia (*Shift* A), PC 846 Anthony Camilleri (*Shift* A), PC 1130 Bjorn Sammut (*Shift* A), PC 1197 Sebastian Cilia (7 PD) u PC 1402 Keith Rizzo (Shift A).

Nagħlaq billi ngħid prosit kbira lil dan it-team li tant għamel unur lilna ta' Shift A u nisperaw li fil-futur ikomplu jġibu iktar unuri għall-iskwadra tagħna.

magazine.police@gov.mt

# International Police Association

Dear IPA Members,

**National Council Meeting 2011:** As announced our National Executive meeting was held on Sunday 22nd January between 09.30 and 12 noon, at the Police Associations Centre Marsa, starting with Sunday Mass concelebrated by IPA member Fr. Ray Bonnici. After Mass light refreshments were served then at about 10.30 the meeting was opened by the National President Dione Bugeja who thanked those present for their participation and support. After a short brief about the intensive work performed during the past year, the Secretary General Romeo Micallef was invited to go through the administrative report, which for the first time it was also printed for our members. In his report Romeo went through the committee meetings held, which this year were more than normal due to the Mediterranean regional meeting April 2012 and other activities. These included



the anniversary and voluntary activities, community work, photography exhibition and assistance rendered to foreign IPA friends visiting our country. Following the Administrative report which was seconded and approved by those present, the National President invited the National Treasurer Joe Mamo to take the floor and present the financial report through a power point presentation. Contrary to year 2010, last year we have managed to register a slight profit, notwithstanding the fact that more activities were organised and donations were offered for assistance and charity. However definitely this slight profit is nothing when considering the expenses we have to cover during this



year. Upon seconding and approving the financial report, once again the National president invited the National Treasurer to introduce an amendment to the National rules article 18 which reads:

*The fee for Full Service membership (25 years) shall be €70. The enrolment fee for ordinary membership shall be 8 euro and annual subscription 6 euro. Upon enrolment a 'Full Service member' receives an additional credit style I.D. card.*

Upon proposing this amendment, which was seconded, a discussion took place and it was suggested that the word 'Full Service membership' should be changed to 'Long Service membership'. Following this proposal which was seconded, a discussion took place and the new proposal to change from 'full' to 'long' service was approved unanimously. After the approval of the second proposal, the first proposal to increase the membership was discussed and also approved unanimously. It is to be noted that the last increase in membership fee took place in 2008 when the euro was introduced. Following the National Rules amendment, it was suggested from the floor that the financial report figures should not be included on the e-News National Executive Council report, although members still had the right to ask to see the financial results. After the majority of those present agreed to this suggestion, the President continued by giving brief information about the Mediterranean Regional meetings. He started, by saying that these meetings took place for the first time in Rome in 1994, indicating who is entitled to attend, what is discussed and how these meetings are another means for better understanding and further mutual co-operation between Mediterranean IPA Sections.

Before declaring the meeting closed, Dione took the occasion to thank the NEC for the work performed during the past year. He also went on to thank the Commissioner of Police and IPA member Mr. John Rizzo for his assistance and support when this was possible. He further expressed his thanks to those sponsors who will be offering their assistance during the Mediterranean Regional activities April 2012. Last but not least, thanks were also referred to those present for their support and committee member Neville Mercieca who was responsible to set up the meeting room.





**New Year's greeting to the President of the Republic of Malta and other dignitaries:** On Sunday New Year's day, at about 11.30 hrs, IPA President Dione Bugeja lead a delegation of IPA members to the Palace Valletta to greet and give His Excellency the President of the Republic of Malta Dr. George Abela and his Good Lady the New Year's greetings. After a few minutes with His Excellency, during which time, L-istrina success and participation were mentions, the group proceeded to the Archbishop's Palace where they extended the good wishes to His Grace the Archbishop of Malta Mon. Paul Cremona, and His Grace the Archbishop emeritus Mon. Mercieca. Unfortunately this year His Lordship Mon. Depasquale was missing since as we all know he died on the 29th November, 2011. Since when we arrived at the Archbishop's Palace at about 12.00 the queue was light, we had the time to speak with His Grace rather at length, mentioning a number of colleagues from Valletta. We also informed His Grace about the IPA Mediterranean meeting in Malta. Before these two visits, at 11.15hrs the group called at Castile Place to greet also the Hon. Prime Minister Dr. Lawrence Gonzi and Lady Gonzi. As always while queuing up one finds also the opportunity to meet and greet different people from all sectors of life.

**2nd World police seminar Australia 2013:** Following the success of the 1st IPA

World Seminar for Young Police Officers which was organised by Section Netherlands in 2011, Delegates at the 37th IEC Conference in Romania voted to sponsor a second seminar in Australia. Information about this event, which will take place in Brisbane from 22nd – 26th April 2013, can be obtained from the IPA office PHQ.

**Arthur Troop Scholarship 2013:** As we have been informing you for the past years now, IPA is offering scholarships specifically tailored for young police officers to study a police subject of their desire. Applications for the Arthur Troop Scholarship 2013 and other information can be obtained from the IPA Office PHQ.

**Olympic Games 2012 – Section UK:** The 2012 Olympic and Paralympics Games are being hosted in London and other UK towns and cities during July, August and September.
Section U K has received requests from overseas members asking for UK members to buy tickets on their behalf. The games are a friendship and sporting event. The IPA does not have an allocation of tickets and is not able to purchase tickets on behalf of others. Information about buying tickets can be found on the official website at HYPERLINK "http://www.london2012.com" www.london2012.com.

This year's games will be a challenge for the UK Police Service. Many officers will be sent to London (and other locations) from across the UK to assist with policing the games, with officers being away from home for several days at a time.

It will not be possible either for serving police officers or IPA members to arrange visits or access to any of the Olympic venues.

Section UK has published Olympic related information on its website at www.ipa-uk. org/Olympics-2012.

Any further enquiries please contact Section UK Secretary General, Edwin Sutton, email address HYPERLINK "mailto:secretary-general@ipa-uk.org" secretary-general@ipa-uk.org.

**Membership:** As we have already informed you the membership stamps for 2012 are in hand and you are kindly invited to collect them as early as possible from the IPA office.

**IPA Malta 48th Anniversary:** As we have been doing in the past years, on the occasion of our 48th Anniversary, the NEC will be organizing a number of activities which will be published in due course on our monthly e-News and website. Unfortunately due to the two important activities we are organizing for our Mediterranean colleagues at the end of April, we are rather restricted to retard slightly the anniversary activities for later dates. This is being done so that the NEC can concentrate more on the Mediterranean meetings. However we are in a position to inform you that the 'Thanks Given Mass' is being held on Sunday 29th April at 09.00hrs at PHQ just the day after the termination of the Mediterranean meeting. Your attendance for this service will be appreciated.

*May we take this occasion to wish all our members and their families a Happy Easter*



The Executive Committee

**14th IPA Mediterranean regional meeting and shooting competition Malta 2012:**
After two year of preparatory work to host the 14th IPA Mediterranean regional meeting and the 1st IPA Mediterranean regional shooting competition Malta 2012, as from the 24th April we will start greeting our first IPA colleague arriving from the Mediterranean region to attend for these two functions. During these past months the National Executive Committee has worked hard to make sure that these two activities will be a success and reflect our hospitality character. We will be doing our utmost within our limits to make sure that our colleague will leave our shores satisfied and pleased of their short experience in Malta. Although our plans and budgeting started some time ago, everything will actually come together during these last months in particularly during the last two weeks. Since the executive committee is not in a position to cover all the various tasks involved for both activities taking place at the same time, we are pleased to say that a number of members have already offered their time and service to give us a helping hand. Our thanks go to these supporting members.
Pleased to say that after our invite to the Mediterranean IPA Sections presidents, nearly all of them have responded positively with the exception of one section, Monaco. Participating sections are: Portugal, Spain, Gibraltar, France, Switzerland, Italy, San Marino, Croatia, Greece, Cyprus, Turkey, Israel and Malta. Section in foundation FYROM will be participating as guest after a request from Section Croatia.

At the time of going to the printers, the proposed programme for the meeting is as follows.

**Thursday April 26th 2012**
Arrival of delegates and observers and transfer from Luqa Airport to the Phoenicia Hotel
19.00 Get together and welcome drink.
20.30 Dinner at the hotel

**Friday April 27th 2012**
Buffet breakfast at the Hotel Phoenicia
08.30 Welcome address by the National President and distinguished guests.
09.00 Working session starts.
14.00 Buffet lunch at the Maryanski Porch.
15.30 Tour of the old Capital Mdina and Rabat area.
20.30 Gala dinner at the hotel.

**Saturday April 28th 2012**
Buffet breakfast and transfer to the airport for departure.

*For the gala dinner on the 27th April, at the Phoenicia hotel, our members are being invited to participate with our guests. For further information about booking and cost you are kindly invited to contact the Treasurer at the IPA office PHQ.*

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

# Quddiesa ta' Novembru u ċ-Ċeremonja fuq l-oqbra tal-Pulizija f'Malta

Uffiċjali tal-Kunsill attendew għall-quddiesa b'sufraġju għal ruħ il-membri mejta tal-Korp, li saret fil-Kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata, fis-6 ta' Novembru.

Fr. Ray Bonnici, Kappillan tal-Korp, qaddes din il-quddiesa. Preżenti kien hemm l-Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Affarjiet Parlamentari Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, il-Kummissarju u s-Sinjura Rizzo, flimkien ma' għadd kbir ta' uffiċjali tal-Korp u nies oħra.





Wara l-quddiesa, saret iċ-ċerimonja tat-tberik fuq l-oqbra tal-Korp u tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-Malta Association of Retired Police Officers, il-Malta Police Association u l-International Police Association. Il-President tal-Għaqda poġġa l-kuruna għan-nom tal-membri.

# Quddiesa u Ċeremonja fuq l-oqbra tal-Pulizija, f'Għawdex.

Il-Ħadd 20 ta' Novembru saret quddiesa għall-Pulizija Għawdxin u pensjonanti fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija.

Wara l-quddiesa, sar it-tberik ta' l-oqbra tal-Pulizija, fejn aktar tard sar tqegħid ta' kuruni tal-fjuri mill-Kummissarju John Rizzo u mill-Malta Association of Retired Police Officers, li kienet irrapprezentata mit-Teżorier is-Sur Anthony Gatt.






## M.A.R.P.O. Badges

Għall-bejgħ, 'Pins' tal-M.A.R.P.O. tal-pavru' bi prezz: €3
Hemm ukoll numru limitat tal-MARPO badges tal-blazer bi prezz ta' €7
Dawn il-prezzijiet huma għall-membri tal-M.A.R.P.O. biss.




## Indirizz tal-Għaqda

Ibagħtu kull korrispondenza li għandha x'taqsam mal-Assoċjazzjoni f'dan l-indirizz:
M.A.R.P.O.
P.O. Box 36
Birkirkara BKR 1000

Importanti ħafna li tniżżlu l-kelma M.A.R.P.O. u mhux P.O. Box 36, Birkirkara biss.

**Issa tista issibna ukoll fuq il-Face Book, billi tmur f'dan il-link: https://www.facebook.com/groups/169033156537654/**

# Riċeviment Annwali fid-Depot tal-Pulizija.






Bħal kull sena, il-Kunsill u l-membri tal-M.A.R.P.O. kienu l-mistiedna tal-Kummissarju, is-Sur John Rizzo, għall-quddiesa u festin li jsir fid-Depot fil-ġranet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Din is-sena din l-attivita saret nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2012.

Bdejna billi attendejna għall-quddiesa fis-Sala Vilhena, li ġiet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr. Ray Bonnici. Għall-quddiesa attendew il-Ministru Karm Mifsud Bonnici, is-Sinjura Rizzo, uffiċjali tal-Korp u numru sabiħ ta' pulizija pensjonanti u n-nisa tagħhom. Wara l-quddiesa saret preżentazzjoni ta' ċertifikati lil numru ta' pulizija li 'rtiraw mis-servizz, kif ukoll pulizija li wrew xi att ta' qlubija jew servizz merituz. Minn hawn nixtiequ nifirħu lil PC 1606 Robert Vassallo li ngħata l-premju "Uffiċjal tal-Pulizija għas-sena 2011" għax-xogħol li wettaq u għall-kuraġġ li wera'. Għall-ewwel darba ġew imfakkra l-pulizija kollha li mietu matul is-sena 2011 billi ttellà screen u ġew murija ritratti ta' l-għeżież tagħna li ħallewna. L-Assistent President tal-Għaqda is-Sur Geatano Cuschieri, għamel preżentazzjoni ta' apprezament lill-Kummissarju John Rizzo, għan-nom tal-membri kollha ta' l-Għaqda.

Wara sar is-soltu riċeviment, fejn kulħadd ħa ħafna gost jiltaqà mal-ħbieb antiki u jitkellem fuq l-imgħoddi.

# Buffet Dinner





Fit-22 ta' Ottubru ġie organizat Buffet Dinner ġewwa l-Waterfront Hotel, tas-Sliema għall-membri u l-ħbieb tagħhom. Għal din l-attività attendew numru sabiħ ta' membri. Huwa l-ħsieb tal-Kumitat li attivitajiet bħal dawn isiru aktar spiss!!

## Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna ritratt sabiħ ħafna tal-banda tal-pulizija waqt il-funeral tal-Prim Ministru Nerik Mizzi li seħħ f'Diċembru 1950. F'dan ir-ritratt wieħed jistà jara' li l-bini li jinsab ġo Triq Sant Anna l-Furjana, kien għadu qed jinbena.





Ex. Pc 5
George Bristow
1929 – 2011
1954 - 1979



Ex. Pc 450
George Cachia
1921 – 2011
1955 - 1975



Ex. Pc 1022
Paul Buhagiar
1937 – 2012
1957 - 1987



Ex. Pc 922
Carmel Gatt
1928 – 2012
1979 - 1986



Ex. Pc 1273
Michael Ghirxi
1961 – 2012
1987 - 1987



Ex. Pc 984
Oreste Schembri
1958 – 2012
1986 - 2011

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Ex. Pc 783
Louis Digby
1965 – 2012
1985 - 1988